# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 165

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 65

19 ta' April 2022


Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**


2022/C 165/01 L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* . . . . . 1


V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

**Il-Qorti tal-Ġustizzja**


2022/C 165/02 Kawżi magħquda C-143/20 u C-213/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Rejonowy dla Warszawy-Woli w Warszawie – il-Polonja) – A / O (C-143/20), G. W., E. S. vs A. Towarzystwo Ubezpieczeń Życie S.A. (C-213/20) (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Libertà li jiġu provduti servizzi – Assigurazzjoni diretta fuq il-ħajja – Kuntratti ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' fond ta' kapital għal poloz marbuta ma' unitajiet – Direttiva 2002/83/KE – Artikolu 36 – Direttiva 2002/92/KE – Artikolu 12(3) – Obbligu ta' informazzjoni prekuntrattwali – Informazzjoni fuq in-natura ta' attivi bażi ta' kuntratti ta' assigurazzjoni marbuta ma' unitajiet – Kamp ta' applikazzjoni – Portata – Direttiva 2005/29/KE – Artikolu 7 – Prattiċi kummerċjali żleali – Ommissjoni qarrieqa) . . . . . 2

2022/C 165/03 Kawża C-160/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank Rotterdam – il-Pajjiżi Baxxi) – Stichting Rookpreventie Jeugd *et* vs Staatssecretaris van Volksgezondheid, Welzijn en Sport (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2014/40/UE – Manifattura, preżentazzjoni u bejgħ tal-prodotti tat-tabakk – Prodotti li ma josservawx il-livelli massimi ta' emissjoni – Projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq – Metodi ta' kejl – Sigaretti bil-filtru li għandu mikrotoqob ta' ventilazzjoni – Kejl tal-emissjonijiet ibbażat fuq standards ISO – Standards mhux ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea – Konformità mar-rekwiżiti ta' pubblikazzjoni previsti fl-Artikolu 297(1) TFUE, moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' ċertezza legali – Konformità mal-prinċipju ta' trasparenza) . . . . . 3


MT

| | | |
|---|---|---|
| 2022/C 165/04 | Kawża C-175/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Administratīvā apgabaltiesa – il-Latvja) – "SS" SIA vs Valsts ieņēmumu dienests (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Artikolu 2 – Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 4 – Kunċett ta' "ipproċessar" – Artikolu 5 – Prinċipji dwar l-ipproċessar – Limitazzjoni tal-għanijiet – Minimizzazzjoni tad-data – Artikolu 6 – Legalità tal-ipproċessar – Ipproċessar meħtieġ għat-twettiq ta' kompitu fl-interess pubbliku mogħti lill-kontrollur; – Ipproċessar meħtieġ għall-osservanza ta' obbligu legali li għalih huwa suġġett il-kontrollur – Artikolu 23 – Limitazzjonijiet – Ipproċessar tad-data għal finijiet fiskali – Talba għal komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar reklami ta' bejgħ ta' vetturi online – Proporzjonalità) | 5 |
| 2022/C 165/05 | Kawża C-226/20 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-24 ta' Frar 2022 – Eurofer, Association Européenne de l'Acier, AISBL vs Il-Kummissjoni Ewropea, HBIS Group Serbia Iron & Steel LLC Belgrade (Appell – Dumping – Importazzjoni ta' prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Brażil, mill-Iran, mir-Russja, mis-Serbja u mill-Ukraina – Għeluq tal-proċedura li tikkonċerna l-importazzjonijiet li joriġinaw mis-Serbja – Determinazzjoni tal-eżistenza ta' dannu – Evalwazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet provenjenti minn iktar minn pajjiż terz – Regolament (UE) 2016/1036 – Artikolu 3(4) – Għeluq tal-proċedura mingħajr impożizzjoni ta' miżuri – Artikolu 9(2) – Natura "negliġibbli" tal-importazzjonijiet – Limitu de minimis – Setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni Ewropea) | 6 |
| 2022/C 165/06 | Kawża C-257/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Varhoven administrativen sad – il-Bulgarija) – "Viva Telecom Bulgaria" EOOD vs Direktor na Direktsia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" – Sofia (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa f'ras il-għajn fuq l-interessi fittizji relatati ma' self mingħajr interessi mogħti lil sussidjarja residenti minn kumpannija omm mhux residenti – Direttiva 2003/49/KE – Pagamenti ta' interessi bejn kumpanniji relatati ta' Stati Membri differenti – Artikolu 1(1) – Eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn – Artikolu 4(1)(d) – Esklużjoni ta' ċerti pagamenti – Direttiva 2011/96/UE – Taxxa fuq il-kumpanniji – Artikolu 1(1)(b) – Tqassim ta' profitti minn sussidjarja residenti lill-kumpannija omm mhux residenti tagħha – Artikolu 5 – Eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn – Direttiva 2008/7/KE – Ġbir tal-kapital – Artikolu 3 – Kontributi ta' kapital – Artikolu 5(1)(a) – Eżenzjoni mit-taxxa indiretta – Artikoli 63 u 65 TFUE – Moviment liberu tal-kapital – Intaxxar tal-ammont gross tal-interessi fittizji – Proċedura ta' rkupru bil-għan tat-tnaqqis tal-ispejjeż marbuta mal-għoti tas-self u ta' rimbors eventwali – Differenza fit-trattament – Ġustifikazzjoni – Tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri – Effikaċja tal-irkupru tat-taxxa – Ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa) | 6 |
| 2022/C 165/07 | Kawża C-262/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rayonen sad Lukovit – il-Bulgarija) – VB vs "Glavna direktsia Pozharna bezopasnost i zashtita na naselenieto" (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol – Direttiva 2003/88/KE – Artikolu 8 – Artikolu 12(a) – Artikoli 20 u 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Tnaqqis tat-tul normali tax-xogħol ta' billejl meta mqabbel ma' dak tax-xogħol ta' matul il-ġurnata – Ħaddiema fis-settur pubbliku u ħaddiema fis-settur privat – Ugwaljanza fit-trattament) | 7 |
| 2022/C 165/08 | Kawża C-283/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal du travail francophone de Bruxelles – il-Belġju) – CO *et* vs MJ, Il-Kummissjoni Ewropea, Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Eulex Kosovo (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) – Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (Eulex Kosovo) – Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK – Artikolu 8(3) u (5), Artikolu 9(3) u Artikolu 10(3) – Kwalità ta' persuna li timpjega lill-persunal ta' missjoni – Artikolu 16(5) – Effett surrogatorju) | 8 |
| 2022/C 165/09 | Kawża C-290/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Satversmes tiesa – il-Latvja) – "Latvijas Gāze" AS (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Suq intern tal-gass naturali – Direttiva 2009/73/KE – Il-punt 3 tal-Artikolu 2 – Kunċett ta' "trasport" – Artikolu 23 – Setgħat deċiżjonali fir-rigward tal-konnessjoni ta' faċilitajiet ta' ħażna, ta' faċilitajiet għall-konverżjoni mill-ġdid f'gass ta' gass naturali likwifikat u ta' klijenti industrijali man-network ta' trasport – Artikolu 32(1) – Aċċess ta' terzi għan-network – Possibbiltà ta' konnessjoni diretta tal-klijenti finali man-network ta' trasport ta' gass naturali) | 9 |

2022/C 165/10 Kawża C-300/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesverwaltungsgericht – il-Ġermanja) – Bund Naturschutz in Bayern e. V. vs Landkreis Rosenheim (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2001/42/KE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent – Artikolu 2(a) – Kunċett ta' "pjanijiet u programmi" – Artikolu 3(2)(a) – Atti elaborati għal ċerti setturi u li jiddefinixxu l-kuntest li fih l-implimentazzjoni ta' proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2011/92/UE tista' tiġi awtorizzata fil-futur – Artikolu 3(4) – Atti li jiddefinixxu kuntest li fih l-implimentazzjoni tal-proġetti tista' tkun awtorizzata fil-futur – Regolament ta' protezzjoni tal-pajsaġġ adottat minn awtorità lokali) 10

2022/C 165/11 Kawża C-364/20 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-24 ta' Frar 2022 – Ernests Bernis, Oļegs Fiļs, OF Holding SIA, Cassandra Holding Company SIA vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, Il-Bank Ċentrali Ewropew (Appell – Unjoni ekonomika u monetarja – Unjoni bankarja – Ristrutturazzjoni u riżoluzzjoni tal-istabbilimenti ta' kreditu u tal-impriżi tal-investiment – Mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni ta' stabbilimenti ta' kreditu u ta' ċerti ditti tal-investiment (SRM) – Regolament (UE) Nru 806/2014 – Artikolu 18 – Proċedura ta' riżoluzzjoni – Dikjarazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ta' sitwazzjoni ta' falliment li qiegħed iseħħ jew li aktarx ser iseħħ – Deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) li ma jadottax skema ta' riżoluzzjoni – Assenza ta' interess pubbliku – Stralċ konformi mad-dritt nazzjonali – Azzjonisti – Nuqqas ta' inċidenza diretta – Inammissibbiltà") . . . . . . 11

2022/C 165/12 Kawża C-389/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de lo Contencioso-Administrativo nº 2 de Vigo – Spanja) – CJ vs Tesorería General de la Seguridad Social (TGSS) (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ugwaljanza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa fil-qasam tas-sigurtà soċjali – Direttiva 79/7/KEE – Artikolu 4(1) – Projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess – Impjegati domestiċi – Protezzjoni kontra l-qgħad – Esklużjoni – Żvantaġġ partikolari għall-ħaddiema nisa – Għanijiet leġittimi ta' politika soċjali – Proporzjonalità) . . . . . . 11

2022/C 165/13 Kawża C-451/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landesgericht Korneuburg – l-Awstrija) – Airhelp Limited vs Austrian Airlines AG (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport bl-ajru – Regolament (KE) Nru 261/2004 – Artikolu 3(1) – Kamp ta' applikazzjoni – Titjira b'konnessjoni minn u b'destinazzjoni lejn pajjiż terz – Riżervazzjoni waħda ma' trasportatur bl-ajru Komunitarju – Konnessjoni fit-territorju ta' Stat Membru – Artikolu 5(1)(ċ)(iii) u Artikolu 7 – Titjira alternattiva mdewma – Teħid inkunsiderazzjoni tas-siegħa tal-wasla effettiva għall-finijiet tal-kumpens) . . . . . . 12

2022/C 165/14 Kawża C-452/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato – l-Italja) – PJ vs Agenzia delle dogane e dei monopoli – Ufficio dei monopoli per la Toscana, Ministero dell'Economia e delle Finanze (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Direttiva 2014/40/UE – Artikolu 23(3) – Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk – Projbizzjoni ta' bejgħ ta' prodotti tat-tabakk lill-minuri – Sistema ta' sanzjonijiet – Sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi – Obbligu, għall-bejjiegħa ta' prodotti tat-tabakk, li jivverifikaw l-età tax-xerrej mal-bejgħ ta' dawn il-prodotti – Multa – Operat ta' bar-tabakkerija – Sospensjoni tal-liċenzja ta' operat għal perijodu ta' ħmistax-il ġurnata – Prinċipju ta' proporzjonalità – Prinċipju ta' prekawzjoni) . . . . . . 13

2022/C 165/15 Kawża C-463/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – il-Belġju) – Namur-Est Environnement ASBL vs Région wallonne (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2011/92/UE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti fuq l-ambjent – Direttiva 92/43/KEE – Konservazzjoni tal-habitats naturali – Rabta bejn il-proċedura ta' evalwazzjoni u ta' awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/92/UE u proċedura nazzjonali ta' deroga mill-miżuri ta' protezzjoni tal-ispeċi previsti fid-Direttiva 92/43/KEE – Kunċett ta' "awtorizzazzjoni" – Proċess deċiżjonali kumpless – Obbligu ta' evalwazzjoni – Portata materjali – Stadju proċedurali li fih għandha tiġi ggarantita l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali) . . . . . . 13

2022/C 165/16 Kawża C-483/20: -Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – Il-Belġju) – XXXX vs Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides ("Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika komuni fil-qasam tal-ażil – Proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2013/32/UE – Artikolu 33(2)(a) – Inammissibbiltà ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata fi Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz li jkun kiseb l-istatus ta' refuġjat fi Stat Membru ieħor, fil-waqt li l-wild minuri ta' ta' dan iċ-ċittadin, li jibbenefika mill-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja, jirrisjedi fl-ewwel Stat Membru – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 7 – Dritt għall-osservanza tal-ħajja tal-familja – Artikolu 24 – Aħjar interess tal-wild – Assenza ta' ksur tal-Artikoli 7 u 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali minħabba l-inammissibbiltà tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2011/95/UE – Artikolu 23(2) – Obbligu għall-Istati Membri li jissorvelja għaż-żamma tal-unità tal-familja ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali") . . . . . . . . . . . . . 14

2022/C 165/17 Kawża C-532/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Bucureşti – ir-Rumanija) – Alstom Transport SA vs Compania Naţională de Căi Ferate CFR SA, Strabag AG – Sucursala Bucureşti, Swietelsky AG Linz – Sucursala Bucureşti (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 92/13/KEE – Proċeduri ta' għoti tal-kuntratti tal-entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjonijiet – Artikolu 1(3) u (3) – Aċċess għall-proċeduri ta' rikors – Artikolu 2ċ – Termini għall-preżentata ta' rikors – Kalkolu – Rikors kontra deċiżjoni ta' ammissjoni ta' offerent) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 15

2022/C 165/18 Kawża C-536/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba'Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas – il-Litwanja) – "Tiketa" UAB vs M. Š. (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2011/83/UE – Kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Kunċett ta' "kummerċjant" – Obbligu ta' informazzjoni li tikkonċerna l-kuntratti mill-bogħod – Rekwiżit li tiġi pprovduta l-informazzjoni meħtieġa b'lingwaġġ ċar u li jinftiehem u fuq mezz li jservi għal żmien twil) 16

2022/C 165/19 Kawża C-563/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Okręgowy w Warszawie – il-Polonja) – ORLEN KolTrans sp. z o.o. vs Prezes Urzędu Transportu Kolejowego (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport ferrovjarju – Direttiva 2001/14/KE – Artikolu 4 – Iffissar tat-tariffi tal-infrastruttura permezz ta' deċiżjoni tal-amministratur – Artikolu 30(2) – Dritt għal azzjoni amministrattiva tal-impriżi ferrovjarji – Artikolu 30(6) – Stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-korp regolatorju) . . . . . . . . . . . . . . . . . 17

2022/C 165/20 Kawża C-582/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Înalta Curte de Casaţie şi Justiţie – ir-Rumanija) – SC Cridar Cons SRL vs Administraţia Judeţeană a Finanţelor Publice Cluj, Direcţia Generală Regională a Finanţelor Publice Cluj-Napoca (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud – Direttiva 2006/112/KE – Artikoli 167 u 168 – Dritt għal tnaqqis – Rifjut – Evażjoni tat-taxxa – Produzzjoni tal-provi – Sospensjoni tad-deċiżjoni fuq ilment amministrattiv li jirrigwarda avviż ta' tassazzjoni li jirrifjuta dritt għal tnaqqis, fl-istennija tal-eżitu ta' proċeduri kriminali – Awtonomija proċedurali tal-Istati Membri – Prinċipju ta' newtralità fiskali – Dritt għal amministrazzjoni tajba – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 18

2022/C 165/21 Kawża C-590/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-3 ta' Marzu 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte suprema di cassazione – L-Italja) – Presidenza del Consiglio dei Ministri *et* vs UK *et* (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Koordinazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-attivitajiet tat-tobba – Direttivi 75/363/KEE u 82/76/KEE – Taħriġ ta' tabib speċjalista – Remunerazzjoni xierqa – Applikazzjoni tad-Direttiva 82/76/KEE għat-taħriġ li nbeda qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tagħha u li tkompla wara d-data ta' skadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 19

2022/C 165/22 Kawża C-605/20: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supremo Tribunal Administrativo – il-Portugall) – Suzlon Wind Energy Portugal – Energia Eólica Unipessoal, Lda vs Autoridade Tributária e Aduaneira (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 2(1)(ċ) – Applikazzjoni ratione temporis – Provvisti suġġetti għall-VAT – Provvisti ta' servizzi taħt titolu oneruż – Kriterji – Relazzjoni intragrupp – Provvisti li jikkonsistu fit-tiswija jew fis-sostituzzjoni ta' komponenti ta' turbini eoliċi taħt garanzija u li jitwettqu rapporti ta' nuqqas ta' konformità – Noti ta' debitu maħruġa mill-fornitur mingħajr ma tissemma l-VAT – Tnaqqis mill-fornitur tal-VAT imposta fuq l oġġetti u s-servizzi li ġew iffatturati lilu mis-subappaltaturi tiegħu fir-rigward tal-istess provvisti) . . 19

2022/C 165/23 Kawżi magħquda C-52/21 u C-53/21: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tal-Cour d'appel de Liège – il-Belġju) – Pharmacie populaire – La Sauvegarde SCRL vs État belge (C-52/21), Pharma Santé – Réseau Solidaris SCRL vs État belge (C-53/21) (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Artikolu 56 TFUE – Restrizzjonijiet – Leġiżlazzjoni fiskali – Taxxa fuq il-kumpanniji – Obbligu għax-xerrejja ta' servizzi li jistabbilixxu u li jittrażmettu lill-amministrazzjoni fiskali dokumenti ta' sostenn dwar is-somom iffatturati minn fornituri ta' servizzi stabbiliti fi Stat Membru ieħor – Assenza ta' tali obbligu fir-rigward tal-provvista ta' servizzi purament interna – Ġustifikazzjoni – Effikaċja tal-kontrolli fiskali – Proporzjonalità) . . . 20

2022/C 165/24 Kawża C-430/21: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Craiova – ir-Rumanija) – fil-proċedura mibdija minn RS (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Stat tad-dritt – Indipendenza ġudizzjarja – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19 TUE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni – Assenza ta' setgħa ta' qorti nazzjonali sabiex teżamina l-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali meqjusa konformi mal-kostituzzjoni mill-qorti kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat – Proċeduri dixxiplinari) . . . 21

2022/C 165/25 Kawżi magħquda C-562/21 PPU u C-563/21 PPU: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank Amsterdam – il-Pajjiżi l-Baxxi) – Eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej maħruġa kontra X (C-562/21 PPU), Y (C-563/21 PPU) (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Artikolu 1(3) – Proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri – Kundizzjonijiet ta' eżekuzzjoni – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 – Dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel mil-liġi – Nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati – Eżami f'żewġ stadji – Kriterji ta' applikazzjoni – Obbligu tal-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tivverifika b'mod konkret u preċiż jekk jeżistux raġunijiet serji u pprovati sabiex wieħed jemmen li l-persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew taffaċċjax, fil-każ ta' konsenja, riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel mil-liġi) . . . 21

2022/C 165/26 Kawża C-437/20: Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-10 ta' Jannar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale di Parma – l-Italja) – proċeduri kriminali kontra ZI, TQ (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Logħob tal-ażżard – Konċessjonijiet għall-attività ta' ġbir ta' mħatri – Estensjoni tal-konċessjonijiet diġà mogħtija – Regolarizzazzjoni ta' ċentri ta' trażmissjoni tad-data (ĊTD) li jeżerċitaw din l-attività fl-assenza ta' konċessjoni u ta' awtorizzazzjoni tal-pulizija – Terminu ristrett – Inammissibbiltà manifesta tat-talba għal deċiżjoni preliminari) . . . 22

2022/C 165/27 Kawża C-550/21: Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-21 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Commissione tributaria provinciale di Roma – l-Italja) – Leonardo SpA vs Agenzia delle Entrate – Direzione Regionale del Lazio (Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53 (2) u Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud – Assenza ta' preċiżazzjonijiet suffiċjenti – Inammissibbiltà manifesta) . . . 23

2022/C 165/28 Kawża C-63/22: Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgericht Wiesbaden – il-Ġermanja) – TV vs Land Hessen (Protezzjoni tad-data personali – Aġenzija ta' informazzjoni (uffiċċju ta' informazzjoni ekonomika) – Evalwazzjoni tas-solvenza ("scoring") ta' persuni fiżiċi abbażi ta' informazzjoni mhux ivverifikata pprovduta minn kredituri – Legalità tat-trattament tad-data u responsabbiltà konġunta għal dan it-trattament) . . . 23

2022/C 165/29 Kawża C-322/21 P: Appell ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2021 minn Roberto Alejandro Macías Chávez, José María Castillejo Oriol, Fernando Presencia mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (ir-Raba' Awla) fis-27 ta' April 2021 fil-Kawża T-719/20, Macías Chávez *et* vs Spanja u Il-Parlament . . . 24

2022/C 165/30 Kawża C-557/21 P: Appell ippreżentat fl-10 ta' Settembru 2021 minn Acciona, S.A. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (il-Ħames Awla) fit-30 ta' Ġunju 2021 fil-Kawża T-362/20, Acciona vs EUIPO – Agencia Negociadora PB (REACCIONA) . . . 24

2022/C 165/31 Kawża C-710/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fil-25 ta’ Novembru 2021 – IEF Service GmbH vs HB . . . 24

2022/C 165/32 Kawża C-817/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Bucureşti (ir-Rumanija) fil-21 ta’ Diċembru 2021 – R.I. vs Inspecţia Judiciară, N.L. . . . 25

2022/C 165/33 Kawża C-827/21: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Înalta Curte de Casaţie şi Justiţie (ir-Rumanija) fit-30 ta’ Diċembru 2021 – Banca A vs A.N.A.F., Preşedintele A.N.A.F. . . . 26

2022/C 165/34 Kawża C-15/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fis-6 ta’ Jannar 2022 – RF vs Finanzamt G . . . 26

2022/C 165/35 Kawża C-23/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Portugall) fl-10 ta’ Jannar 2022 – Caxamar – Comércio e Indústria de Bacalhau SA vs Autoridade Tributária e Aduaneira . . . 27

2022/C 165/36 Kawża C-51/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Pesti Központi Kerületi Bíróság (l-Ungerija) fil-25 ta’ Jannar 2022 – PannonHitel Pénzügyi Zrt. vs Wizz Air Hungary Légiközlekedési Zrt. (Wizz Air Hungary Zrt.) . . . 28

2022/C 165/37 Kawża C-62/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Frankfurt am Main (il-Ġermanja) fl-1 ta’ Frar 2022 – IA vs DER Touristik Deutschland GmbH . . . 28

2022/C 165/38 Kawża C-70/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consilgio di Stato (l-Italja) fl-1 ta’ Frar 2022 – Viagogo AG vs Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni, Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato . . . 29

2022/C 165/39 Kawża C-73/22 P: Appell ippreżentat fit-3 ta’ Frar 2022 minn Grupa Azoty S.A., Azomureş SA, Lipasmata Kavalas LTD Ypokatastima Allodapis mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fid-29 ta’ Novembru 2021 fil-Kawża T-726/20, Grupa Azoty *et* vs Il-Kummissjoni . . . 29

2022/C 165/40 Kawża C-77/22 P: Appell ippreżentat fl-4 ta’ Frar 2022 minn Advansa Manufacturing GmbH, Beaulieu International Group, Brilen, SA, Cordenka GmbH & Co. KG, Dolan GmbH, Enka International GmbH & Co. KG, Glanzstoff Longlaville, Infinited Fiber Company Oy, Kelheim Fibres GmbH, Nurel SA, PHP Fibers GmbH, Teijin Aramid BV, Thrace Nonwovens & Geosynthetics monoprosopi AVEE mi yfanton yfasmaton kai geosynthetikon proïonton, Trevira GmbH mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fid-29 ta’ Novembru 2021 fil-Kawża T-741/20, Advansa Manufacturing *et* vs Il-Kummissjoni . . . 31

2022/C 165/41 Kawża C-86/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (l-Italja) fid-9 ta’ Frar 2022 – Papier Mettler Italia S.r.l. vs Ministero della Transizione Ecologica (già Ministero dell’Ambiente e della Tutela del Territorio e del Mare), Ministero dello Sviluppo Economico . . . 32

2022/C 165/42 Kawża C-97/22: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Essen (il-Ġermanja) fl-10 ta’ Frar 2022 – DC vs HJ . . . 33

**Il-Qorti Ġenerali**

2022/C 165/43 Kawża T-434/21: Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta’ Frar 2022 – TO vs EEA (“Servizz pubbliku – Eżekuzzjoni ta’ sentenza tal-Qorti Ġenerali – Deċiżjoni mhux ikkontestata fit-termini – Awtorità ta’ res judicata – Impenn kundizzjonat meħud mill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta’ ingaġġ fil-kuntest ta’ ftehim bonarju milħuq barra mill-Qorti Ġenerali – Offerta ta’ ftehim bonarju mhux milqugħa mir-rikorrent – Assenza ta’ att li jikkawża preġudizzju – Inammissibbiltà”) . . . 34

2022/C 165/44 Kawża T-71/22: Rikors ippreżentat fis-27 ta’ Jannar 2022 – BNP Paribas vs SRB . . . 34

2022/C 165/45 Kawża T-86/22: Rikors ippreżentat fil-15 ta’ Frar 2022 – Associazione “Terra Mia Amici No Tap” vs BĊE . . . 36

2022/C 165/46 Kawża T-87/22: Rikors ippreżentat fis-17 ta’ Frar 2022 – Hahn Rechtsanwälte vs Il-Kummissjoni . . . 38

2022/C 165/47 Kawża T-101/22: Rikors ippreżentat fil-21 ta’ Frar 2022 – OG *et* vs Il-Kummissjoni . . . 39

| | | |
|---|---|---|
| 2022/C 165/48 | Kawża T-102/22: Rikors ippreżentat fit-22 ta’ Frar 2022 – Transgourmet Ibérica vs EUIPO – Aldi (Gourmet) | 40 |
| 2022/C 165/49 | Kawża T-106/22: Rikors ippreżentat fl-24 ta’ Frar 2022 – Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi vs EUIPO – M. J. Dairies (BBQLOUMI) | 41 |
| 2022/C 165/50 | Kawża T-107/22: Rikors ippreżentat fit-28 ta’ Frar 2022 – Adega Ponte da Boga vs EUIPO – Viñedos y Bodegas Dominio de Tares (P3 DOMINIO DE TARES) | 42 |
| 2022/C 165/51 | Kawża T-113/22: Rikors ippreżentat fit-3 ta’ Marzu 2022 – OK vs SEAE | 42 |

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

**L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***

(2022/C 165/01)

**L-aħħar pubblikazzjoni**

ĠU C 158, 11.4.2022

**Pubblikazzjonijiet preċedenti**

ĠU C 148, 4.4.2022

ĠU C 138, 28.3.2022

ĠU C 128, 21.3.2022

ĠU C 119, 14.3.2022

ĠU C 109, 7.3.2022

ĠU C 95, 28.2.2022

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Rejonowy dla Warszawy-Woli w Warszawie – il-Polonja) – A / O (C-143/20), G. W., E. S. vs A. Towarzystwo Ubezpieczeń Życie S.A. (C-213/20)**

**(Kawżi magħquda C-143/20 u C-213/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Libertà li jiġu provduti servizzi – Assigurazzjoni diretta fuq il-ħajja – Kuntratti ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' fond ta' kapital għal poloz marbuta ma' unitajiet – Direttiva 2002/83/KE – Artikolu 36 – Direttiva 2002/92/KE – Artikolu 12(3) – Obbligu ta' informazzjoni prekuntrattwali – Informazzjoni fuq in-natura ta' attivi bażi ta' kuntratti ta' assigurazzjoni marbuta ma' unitajiet – Kamp ta' applikazzjoni – Portata – Direttiva 2005/29/KE – Artikolu 7 – Prattiċi kummerċjali żleali – Ommissjoni qarrieqa)***

(2022/C 165/02)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Sąd Rejonowy dla Warszawy-Woli w Warszawie

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* A (C-143/20), G. W., E. S. (C-213/20)

*Konvenuti:* O (C-143/20), A. Towarzystwo Ubezpieczeń Życie S.A. (C-213/20)

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2002/83 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li tikkonċerna l-assigurazzjoni fuq il-ħajja għandu jiġi interpretat fis-sens li l-informazzjoni msemmija fih għandha tiġi kkomunikata lill-konsumatur li jaderixxi, fil-kwalità tiegħu ta' assigurat, ma' kuntratt kollettiv ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja għal poloz marbuta ma' unitajiet marbuta ma' fond ta' kapital konkluż bejn impriża ta' assigurazzjoni u impriża detentriċi ta' polza. Hija l-impriża ta' assigurazzjoni li għandha tikkomunika din l-informazzjoni lill-impriża detentriċi ta' polza, li għandha tittrażmettiha lil dan il-konsumatur qabel l-adeżjoni tiegħu ma' dan il-kuntratt, flimkien ma' kull preċiżazzjoni oħra li tirriżulta neċessarja fid-dawl tar-rekwiżiti u tal-bżonnijiet tiegħu, skont din id-dispożizzjoni, moqrija flimkien mal-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament u tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni.

2) L-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2002/83, moqri flimkien mal-punt a.12 tat-Taqsima A tal-Anness III tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-indikazzjonijiet dwar in-natura tal-attivi bażi għandhom jiġu kkomunikati lil konsumatur qabel l-adeżjoni tiegħu ma' kuntratt kollettiv ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja għal poloz marbuta ma' unitajiet marbuta ma' fond ta' kapital għandhom jinkludu indikazzjonijiet fuq il-karatteristiċi essenzjali ta' dawn l-attivi bażi. Dawn l-indikazzjonijiet:

— għandhom jinkludu informazzjoni ċara, preċiża u komprensibbli dwar in-natura ekonomika u legali tal-imsemmija attivi bażi, kif ukoll dwar ir-riskji strutturali marbuta magħhom, u

— ma għandhiex neċessarjament tinkludi informazzjoni eżawrjenti dwar in-natura u l-portata tar-riskji kollha marbuta mal-investiment fl-istess attivi bażi, u lanqas l-istess informazzjoni bħal dik li l-emittent tal-istrumenti finanzjarji li jikkomponuhom ikun ikkomunika lill-impriża tal-assigurazzjoni skont l-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE.

3) L-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2002/83 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-informazzjoni msemmija fil-punt a.12 tat-Taqsima A tal-Anness III tagħha ma għandhiex neċessarjament tiġi kkomunikata lill-konsumatur li jaderixxi, fil-kwalità tiegħu ta' assigurat, għal kuntratt kollettiv ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja għal poloz marbuta ma' unitajiet marbuta ma' fond ta' kapital fil-kuntest ta' proċedura prekuntrattwali distinta u li ma jipprekludix dispożizzjoni nazzjonali li permezz tagħha huwa biżżejjed li din l-informazzjoni tkun imsemmija f'dan il-kuntratt, sa fejn jiġi mgħoddi lil dan il-konsumatur qabel l-adeżjoni tiegħu, f'ħin utli sabiex jippermettilu li jagħmel, b'għarfien sħiħ tal-fatti, għażla ċara tal-prodott ta' assigurazzjoni li jikkonvjeni l-iktar il-bżonnijiet tiegħu.

4) L-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2002/83 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jeżiġix li jiġi kkunsidrat li l-eżekuzzjoni żbaljata tal-obbligu ta' komunikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-punt a.12 tat-Taqsima A tal-Anness III tagħha twassal għan-nullità jew għall-invalidità ta' kuntratt kollettiv ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja għal poloz marbuta ma' unitajiet marbuta ma' fond ta' kapital jew tad-dikjarazzjoni tal-adeżjoni tiegħu u b'hekk jagħti lill-konsumatur li aderixxa għal dan il-kuntratt id-dritt għar-rimbors tal-premiums ta' assigurazzjoni mħallsa, sakemm il-modalitajiet proċedurali previsti mid-dritt nazzjonali għall-eżerċizzju tad-dritt li jiġi invokat dan l-obbligu ta' informazzjoni ma humiex ta' natura li jġibu fid-dubju l-effettività ta' dan id-dritt billi jiġi ddisswadat konsumatur li jeżerċitah.

5) L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali") għandu jiġi interpretat fis-sens li tista' tikkostitwixxi ommissjoni qarrieqa, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, l-ommissjoni li jikkomunika lill-konsumatur li jaderixxi ma' kuntratt kollettiv ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja għal poloz marbuta ma' unitajiet marbuta ma' fond ta' kapital l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2002/83, moqri flimkien mal-punt a.12 tat-Taqsima A tal-Anness III tagħha.

(1) ĠU C 209, 22.6.2020.
ĠU C 304, 14.9.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank Rotterdam – il-Pajjiżi Baxxi) – Stichting Rookpreventie Jeugd *et* vs Staatssecretaris van Volksgezondheid, Welzijn en Sport**

**(Kawża C-160/20)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2014/40/UE – Manifattura, preżentazzjoni u bejgħ tal-prodotti tat-tabakk – Prodotti li ma josservawx il-livelli massimi ta' emissjoni – Projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq – Metodi ta' kejl – Sigaretti bil-filtru li għandu mikrotoqob ta' ventilazzjoni – Kejl tal-emissjonijiet bbażat fuq standards ISO – Standards mhux ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea – Konformità mar-rekwiżiti ta' pubblikazzjoni previsti fl-Artikolu 297(1) TFUE, moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' ċertezza legali – Konformità mal-prinċipju ta' transparenza)***

(2022/C 165/03)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Rechtbank Rotterdam

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Stichting Rookpreventie Jeugd, Stichting Inspire2live, Rode Kruis Ziekenhuis BV, Stichting ClaudicatioNet, Nederlandse Vereniging voor Kindergeneeskunde, Nederlandse Vereniging voor Verzekeringsgeneeskunde, Accare, Stichting Universitaire en Algemene Kinder- en Jeugdpsychiatrie Noord-Nederland, Vereniging Praktijkhoudende Huisartsen, Nederlandse Vereniging van Artsen voor Longziekten en Tuberculose, Nederlandse Federatie van Kankerpatiëntenorganisaties, Nederlandse Vereniging Arbeids- en Bedrijfsgeneeskunde, Nederlandse Vereniging voor Cardiologie, Koepel van Artsen Maatschappij en Gezondheid, Koninklijke Nederlandse Maatschappij tot bevordering der Tandheelkunde, College van Burgemeester en Wethouders van Amsterdam

*Konvenut:* Staatssecretaris van Volksgezondheid, Welzijn en Sport

*fil-preżenza ta':* Vereniging Nederlandse Sigaretten- en Kerftabakfabrikanten (VSK),

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprevedi li l-livelli massimi ta' emissjoni ta' qatran, ta' nikotina u ta' monossidu tal-karbonju mis-sigaretti intiżi sabiex jitqiegħdu fis-suq jew jiġu mmanifatturati fl-Istati Membri, stabbiliti fl-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, għandhom jitkejlu skont il-metodi ta' kejl li jirriżultaw mill-istandards ISO 4387, 10315, 8454 u 8243, li għalihom jirreferi l-imsemmi Artikolu 4(1).

2) L-eżami tal-ewwel domanda ma żvela ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/40 fid-dawl tal-prinċipju ta' trasparenza, tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll tal-Artikolu 297(1) TFUE, moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

3) L-eżami tal-punt (a) tat-tielet domanda ma żvela ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/40 fid-dawl tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk.

4) L-eżami tal-punt (b) tat-tielet domanda ma żvela ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/40 fid-dawl tal-Artikolu 114(3) TFUE, tal-portata tal-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk kif ukoll tal-Artikoli 24 u 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

5) Fl-ipoteżi fejn l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/40 ma jistax jiġi invokat kontra individwi, il-metodu użat għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva għandu jkun xieraq, fid-dawl tal-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi jew tal-istandards adottati fuq livell internazzjonali, sabiex jitkejlu l-livelli ta' emissjonijiet irrilaxxati meta sigarett jintuża għall-finijiet previsti, u għandu jieħu bħala bażi livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, fejn l-eżattezza tal-miżuri miksuba permezz ta' dan il-metodu għandu jiġi vverifikat mil-laboratorji approvati u ssorveljati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-imsemmija direttiva.

---

(1) ĠU C 222, 6.7.2020.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Administratīvā apgabaltiesa – il-Latvja) – "SS" SIA vs Valsts ieņēmumu dienests**

**(Kawża C-175/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Artikolu 2 – Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 4 – Kunċett ta' "ipproċessar" – Artikolu 5 – Prinċipji dwar l-ipproċessar – Limitazzjoni tal-għanijiet – Minimizzazzjoni tad-data – Artikolu 6 – Legalità tal-ipproċessar – Ipproċessar meħtieġ għat-twettiq ta' kompitu fl-interess pubbliku mogħti lill-kontrollur; – Ipproċessar meħtieġ għall-osservanza ta' obbligu legali li għalih huwa suġġett il-kontrollur – Artikolu 23 – Limitazzjonijiet – Ipproċessar tad-data għal finijiet fiskali – Talba għal komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar reklami ta' bejgħ ta' vetturi online – Proporzjonalità)***

(2022/C 165/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

**Qorti tar-rinviju**

Administratīvā apgabaltiesa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* "SS" SIA

*Konvenut:* Valsts ieņēmumu dienests

**Dispożittiv**

1) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), għandhom jiġu interpretati fis-sens huwa suġġett għar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament, b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tiegħu, il-ġbir, mill-amministrazzjoni fiskali ta' Stat Membru mingħand operatur ekonomiku, ta' informazzjoni li tinvolvi kwantità kbira ta' data personali.

2) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2016/679 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-amministrazzjoni fiskali ta' Stat Membru ma tistax tidderoga mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(1) ta' dan ir-regolament meta tali dritt ma ngħatax lilha permezz ta' miżura leġiżlattiva, fis-sens tal-Artikolu 23(1) tiegħu.

3) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2016/679 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li l-amministrazzjoni fiskali ta' Stat Membru timponi fuq fornitur ta' servizzi ta' reklami ppubblikati fuq l-internet l-obbligu li jikkomunikalha informazzjoni dwar il-persuni taxxabbli li ppubblikaw reklami f'waħda mit-taqsimiet tal-portal tal-internet tiegħu sakemm, b'mod partikolari, din id-data tkun neċessarja fir-rigward tal-għanijiet speċifiċi li għalihom tinġabar id-data u li l-perijodu kopert mill-ġbir tad-data msemmija ma jaqbiżx it-tul ta' żmien li huwa strettament neċessarju biex jintlaħaq l-għan ta' interess ġenerali inkwistjoni.

[1] ĠU C 222, 6.7.2020.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba’ Awla) tal-24 ta’ Frar 2022 – Eurofer, Association Européenne de l’Acier, AISBL vs Il-Kummissjoni Ewropea, HBIS Group Serbia Iron & Steel LLC Belgrade**

**(Kawża C-226/20 P)** [1]

***(Appell – Dumping – Importazzjoni ta’ prodotti ċatti b’laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Brażil, mill-Iran, mir-Russja, mis-Serbja u mill-Ukraina – Għeluq tal-proċedura li tikkonċerna l-importazzjonijiet li joriġinaw mis-Serbja – Determinazzjoni tal-eżistenza ta’ dannu – Evalwazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet provenjenti minn iktar minn pajjiż terz – Regolament (UE) 2016/1036 – Artikolu 3(4) – Għeluq tal-proċedura mingħajr impożizzjoni ta’ miżuri – Artikolu 9(2) – Natura “negliġibbli” tal-importazzjonijiet – Limitu de minimis – Setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni Ewropea)***

(2022/C 165/05)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Eurofer, Association Européenne de l’Acier, AISBL (rappreżentanti: J. Killick u G. Forwood, avocats)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment T. Maxian Rusche u A. Demeneix, sussegwentement T. Maxian Rusche u G. Luengo, aġenti), HBIS Group Serbia Iron & Steel LLC Belgrade (rappreżentant: R. Luff, avocat)

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) Eurofer, Association européenne de l’Acier, AISBL hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u minn HBIS Group Serbia Iron & Steel LLC Belgrade.

[1] ĠU C 313, 21.9.2020.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-24 ta’ Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Varhoven administrativen sad – il-Bulgarija) – “Viva Telecom Bulgaria” EOOD vs Direktor na Direktsia “Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika” – Sofia**

**(Kawża C-257/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa f’ras il-għajn fuq l-interessi fittizji relatati ma’ self mingħajr interessi mogħti lil sussidjarja residenti minn kumpannija omm mhux residenti – Direttiva 2003/49/KE – Pagamenti ta’ interessi bejn kumpanniji relatati ta’ Stati Membri differenti – Artikolu 1(1) – Eżenzjoni mit-taxxa f’ras il-għajn – Artikolu 4(1)(d) – Esklużjoni ta’ ċerti pagamenti – Direttiva 2011/96/UE – Taxxa fuq il-kumpanniji – Artikolu 1(1)(b) – Tqassim ta’ profitti minn sussidjarja residenti lill-kumpannija omm mhux residenti tagħha – Artikolu 5 – Eżenzjoni mit-taxxa f’ras il-għajn – Direttiva 2008/7/KE – Ġbir tal-kapital – Artikolu 3 – Kontributi ta’ kapital – Artikolu 5(1)(a) – Eżenzjoni mit-taxxa indiretta – Artikoli 63 u 65 TFUE – Moviment liberu tal-kapital – Intaxxar tal-ammont gross tal-interessi fittizji – Proċedura ta’ rkupru bil-għan tat-tnaqqis tal-ispejjeż marbuta mal-għoti tas-self u ta’ rimbors eventwali – Differenza fit-trattament – Ġustifikazzjoni – Tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta’ tassazzjoni bejn l-Istati Membri – Effikaċja tal-irkupru tat-taxxa – Ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa)***

(2022/C 165/06)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Varhoven administrativen sad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* "Viva Telecom Bulgaria" EOOD

*Konvenut:* Direktor na Direktsia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" – Sofia

*fil-preżenza ta'*: Varhovna administrativna prokuratura na Republika Bulgaria

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/49 tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti, moqri flimkien mal-Artikolu 4(1)(d) ta' din id-direttiva, mal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/96 tat-30 ta' Novembru 2011 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/121 tas-27 ta' Jannar 2015, kif ukoll mal-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/7 tat-12 ta' Frar 2008 dwar it-taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi t-tassazzjoni fil-forma ta' taxxa f'ras il-għajn fuq l-interessi fittizji li sussidjarja residenti li tkun ibbenefikat minn self mingħajr interessi mogħti mill-kumpannija omm mhux residenti tagħha, kellha tħallas, skont il-kundizzjonijiet tas-suq, lil din tal-aħħar.

2) L-Artikolu 63 TFUE, moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi t-tassazzjoni fil-forma ta' taxxa f'ras il-għajn fuq l-interessi fittizji li sussidjarja residenti li tkun ibbenefikat minn self mingħajr interessi mogħti mill-kumpannija omm mhux residenti tagħha kien ikollha tħallas, skont il-kundizzjonijiet tas-suq, lil din tal-aħħar, meta din it-taxxa f'ras il-għajn tapplika għall-ammont gross ta' dawn l-interessi, mingħajr possibbiltà ta' tnaqqis, f'dan l-istadju, tal-ispejjeż marbuta ma' dan is-self, peress li tressiq ulterjuri ta' talba huwa neċessarju għall-kalkolu mill-ġdid tal-imsemmija taxxa u ta' eventwali rimbors, sakemm, minn naħa, it-tul tal-proċedura previst għal dan il-għan minn din il-leġiżlazzjoni ma jkunx eċċessiv u, min-naħa l-oħra, ikunu dovuti interessi fuq l-ammonti rimborsati.

([1]) ĠU C 279, 24.8.2020.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rayonen sad Lukovit – il-Bulgarija) – VB vs "Glavna direktsia Pozharna bezopasnost i zashtita na naselenieto"**

**(Kawża C-262/20)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol – Direttiva 2003/88/KE – Artikolu 8 – Artikolu 12(a) – Artikoli 20 u 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Tnaqqis tat-tul normali tax-xogħol ta' billejl meta mqabbel ma' dak tax-xogħol ta' matul il-ġurnata – Ħaddiema fis-settur pubbliku u ħaddiema fis-settur privat – Ugwaljanza fit-trattament)***

(2022/C 165/07)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Rayonen sad Lukovit

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* VB

*Konvenut:* Glavna direktsia "Pozharna bezopasnost i zashtita na naselenieto"

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 8 u l-Artikolu 12(a) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jimponux l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li t-tul normali tax-xogħol ta' billejl għal ħaddiema fis-settur pubbliku, bħalma huma l-pulizija u l-persunal tat-tifi tan-nar, għandu jkun inqas mit-tul normali tax-xogħol ta' matul il-ġurnata previst għal dawn tal-aħħar. Tali ħaddiema għandhom fi kwalunkwe każ jibbenefikaw minn miżuri oħra ta' protezzjoni fil-qasam tat-tul tax-xogħol, tas-salarju, ta' allowances jew ta' benefiċċji simili, li jippermettu li tiġi kkumpensata t-tbatija partikolari li jimplika x-xogħol ta' billejl imwettaq minnhom.

2) L-Artikoli 20 u 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li t-tul normali tax-xogħol ta' billejl stabbilit bħala seba' sigħat fil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru għall-ħaddiema fis-settur privat ma japplikax għall-ħaddiema fis-settur pubbliku, inklużi l-pulizija u l-persunal tat-tifi tan-nar, jekk tali differenza fit-trattament tkun ibbażata fuq kriterju oġġettiv u raġonevoli, jiġifieri jekk tkun marbuta ma' għan legalment ammissibbli mfittex mill-imsemmija leġiżlazzjoni u jekk tkun proporzjonata għal dan il-għan.

(1) ĠU C 279, 24.8.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal du travail francophone de Bruxelles – il-Belġju) – CO *et* vs MJ, Il-Kummissjoni Ewropea, Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Eulex Kosovo**

**(Kawża C-283/20)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) – Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (Eulex Kosovo) – Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK – Artikolu 8(3) u (5), Artikolu 9(3) u Artikolu 10(3) – Kwalità ta' persuna li timpjega lill-persunal ta' missjoni – Artikolu 16(5) – Effett surrogatorju)***

(2022/C 165/08)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal du travail francophone de Bruxelles

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* CO *et*

*Konvenuti:* MJ, Il-Kummissjoni Ewropea, Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Eulex Kosovo

**Dispożittiv**

L-Artikolu 16(5) tal-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/124/PESK tal-4 ta' Frar 2008 dwar il-Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/349/PESK tat-12 ta' Ġunju 2014, għandu jiġi interpretat fis-sens li jindika, mill-15 ta' Ġunju 2014, il-Missjoni għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, imsejħa "Eulex Kosovo", imsemmija fl-Artikolu 1 ta' din l-azzjoni konġunta, bħala responsabbli u, għaldaqstant, bħala konvenut, f'kull rikors dwar il-konsegwenzi tal-implimentazzjoni tal-missjoni li ġiet fdata lilha, u dan indipendentement mill-fatt li l-fatti sottostanti tali rikors ikunu seħħew qabel it-12 ta' Ġunju 2014, jiġifieri d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni 2014/349.

(1) ĠU C 297, 7.9.2020.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Satversmes tiesa – il-Latvja) – "Latvijas Gāze" AS**

**(Kawża C-290/20)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Suq intern tal-gass naturali – Direttiva 2009/73/KE – Il-punt 3 tal-Artikolu 2 – Kunċett ta' "trasport" – Artikolu 23 – Setgħat deċiżjonali fir-rigward tal-konnessjoni ta' faċilitajiet ta' ħażna, ta' faċilitajiet għall-konverżjoni mill-ġdid f'gass ta' gass naturali likwifikat u ta' klijenti industrijali man-network ta' trasport – Artikolu 32(1) – Aċċess ta' terzi għan-network – Possibbiltà ta' konnessjoni diretta tal-klijenti finali man-network ta' trasport ta' gass naturali)***

(2022/C 165/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

**Qorti tar-rinviju**

Satversmes tiesa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* "Latvijas Gāze" AS

*fil-preżenza ta':* Latvijas Republikas Saeima, Sabiedrisko pakalpojumu regulēšanas komisija

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 23 u l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li minn dawn id-dispożizzjonijiet ma jirriżultax li l-Istati Membri għandhom jadottaw leġiżlazzjoni li skontha, minn naħa, kwalunkwe klijent finali jista' jagħżel li jaqbad jew man-network ta' trasport jew man-network ta' distribuzzjoni tal-gass naturali u, min-naħa l-oħra, l-operatur tan-network ikkonċernat għandu jippermettilu jaqbad mal-imsemmi network.

2) L-Artikolu 23 tad-Direttiva 2009/73 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jobbligax lill-Istati Membri jadottaw leġiżlazzjoni li skontha huwa biss klijent industrijali li jista' jaqbad man-network ta' trasport ta' gass naturali.

3) Il-punt 3 tal-Artikolu 2 u l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2009/73 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li skontha t-trasport ta' gass naturali jinkludi t-trasport ta' gass naturali direttament lejn in-network ta' provvista ta' gass naturali ta' klijent finali.

([1]) ĠU C 297, 7.9.2020.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta’ Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesverwaltungsgericht – il-Ġermanja) – Bund Naturschutz in Bayern e.V. vs Landkreis Rosenheim**

**(Kawża C-300/20)** [1]

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2001/42/KE – Evalwazzjoni tal-effetti ta’ ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent – Artikolu 2(a) – Kunċett ta’ “pjanijiet u programmi” – Artikolu 3 (2)(a) – Atti elaborati għal ċerti setturi u li jiddefinixxu l-kuntest li fih l-implimentazzjoni ta’ proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2011/92/UE tista’ tiġi awtorizzata fil-futur – Artikolu 3(4) – Atti li jiddefinixxu kuntest li fih l-implimentazzjoni tal-proġetti tista’ tkun awtorizzata fil-futur – Regolament ta’ protezzjoni tal-pajsaġġ adottat minn awtorità lokali)*

(2022/C 165/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesverwaltungsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Bund Naturschutz in Bayern e.V.

*Konvenut:* Landkreis Rosenheim

*fil-preżenza ta’*: Landesanwaltschaft Bayern, Vertreter des Bundesinteresses beim Bundesverwaltungsgericht

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/42 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Ġunju 2001 dwar l-istima ta’ l-effetti ta’ ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent għandu jiġi interpretat fis-sens li miżura nazzjonali intiża li tipproteġi n-natura u l-pajsaġġ u li, għal dan il-għan, tistabbilixxi projbizzjonijiet ġenerali kif ukoll obbligi ta’ awtorizzazzjoni mingħajr ma tipprovdi regoli suffiċjentement iddettaljati fir-rigward tal-kontenut, tat-tfassil u tal-implimentazzjoni ta’ proġetti msemmija fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta’ ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, ma taqax fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-dispożizzjoni.

2) L-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2001/42 għandu jiġi interpretat fis-sens li miżura nazzjonali intiża li tipproteġi n-natura u l-pajsaġġ u li, għal dan il-għan, tistabbilixxi projbizzjonijiet ġenerali kif ukoll obbligi ta’ awtorizzazzjoni mingħajr ma tipprovdi regoli suffiċjentement iddettaljati fir-rigward tal-kontenut, tat-tfassil u tal-implimentazzjoni ta’ proġetti ma taqax fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-dispożizzjoni.

(1) ĠU C 304, 14.09.2020.

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba’ Awla) tal-24 ta’ Frar 2022 – Ernests Bernis, Oļegs Fiļs, OF Holding SIA, Cassandra Holding Company SIA vs Il-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni, Il-Bank Ċentrali Ewropew

**(Kawża C-364/20 P)** [1]

***(Appell – Unjoni ekonomika u monetarja – Unjoni bankarja – Ristrutturazzjoni u riżoluzzjoni tal-istabbilimenti ta’ kreditu u tal-impriżi tal-investiment – Mekkaniżmu uniku ta’ riżoluzzjoni ta’ stabbilimenti ta’ kreditu u ta’ ċerti ditti tal-investiment (SRM) – Regolament (UE) Nru 806/2014 – Artikolu 18 – Proċedura ta’ riżoluzzjoni – Dikjarazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ta’ sitwazzjoni ta’ falliment li qiegħed iseħħ jew li aktarx ser iseħħ – Deċiżjoni tal-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni (SRB) li ma jadottax skema ta’ riżoluzzjoni – Assenza ta’ interess pubbliku – Stralċ konformi mad-dritt nazzjonali – Azzjonisti – Nuqqas ta’ inċidenza diretta – Inammissibbiltà”)***

(2022/C 165/11)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Appellanti:* Ernests Bernis, Oļegs Fiļs, OF Holding SIA, Cassandra Holding Company SIA (rappreżentant: O. Behrends, Rechtsanwalt)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni (rappreżentanti: inizjalment H. Ehlers, A. Valavanidou u E. Muratori, sussegwentement H. Ehlers u M. E. Muratori, aġenti, assistiti minn B. Heenan, solicitor, J. Rivas Andrés u A. Manzaneque Valverde, abogados), Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (rappreżentanti: E. Koupepidou u G. Marafioti, aġenti)

### Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) Ernests Bernis et Oļegs Fiļs, OF Holding SIA et Cassandra Holding Company SIA huma kkundannati għall-ispejjeż tagħhom kif ukoll għal dawk esposti mill-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni.

3) Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

[1] ĠU C 320, 28.09.2020.

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-24 ta’ Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de lo Contencioso-Administrativo nº 2 de Vigo – Spanja) – CJ vs Tesorería General de la Seguridad Social (TGSS)

**(Kawża C-389/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ugwaljanza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa fil-qasam tas-sigurtà soċjali – Direttiva 79/7/KEE – Artikolu 4(1) – Projbizzjoni ta’ kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess – Impjegati domestiċi – Protezzjoni kontra l-qgħad – Esklużjoni – Żvantaġġ partikolari għall-ħaddiema nisa – Għanijiet leġittimi ta’ politika soċjali – Proporzjonalità)***

(2022/C 165/12)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Qorti tar-rinviju

Juzgado de lo Contencioso-Administrativo nº 2 de Vigo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* CJ

*Konvenut:* Tesorería General de la Seguridad Social (TGSS)

**Dispożittiv**

L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li teskludi l-benefiċċji tal-qgħad mill-benefiċċji tas-sigurtà soċjali mogħtija lill-impjegati domestiċi minn skema legali ta' sigurtà soċjali, meta din id-dispożizzjoni tqiegħed lill-ħaddiema nisa fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla mal-ħaddiema rġiel, u ma hijiex iġġustifikata minn fatturi oġġettivi u indipendenti minn kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess.

(1) ĠU C 423, 7.12.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landesgericht Korneuburg – l-Awstrija) – Airhelp Limited vs Austrian Airlines AG**

**(Kawża C-451/20)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport bl-ajru – Regolament (KE) Nru 261/2004 – Artikolu 3(1) – Kamp ta' applikazzjoni – Titjira b'konnessjoni minn u b'destinazzjoni lejn pajjiż terz – Riżervazzjoni waħda ma' trasportatur bl-ajru Komunitarju – Konnessjoni fit-territorju ta' Stat Membru – Artikolu 5(1)(ċ)(iii) u Artikolu 7 – Titjira alternattiva mdewma – Teħid inkunsiderazzjoni tas-siegħa tal-wasla effettiva għall-finijiet tal-kumpens)***

(2022/C 165/13)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landesgericht Korneuburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Airhelp Limited

*Konvenut:* Austrian Airlines AG

**Dispożittiv**

L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ir-regolament ma japplikax għal titjira b'konnessjoni li kienet is-suġġett ta' riżervazzjoni waħda u li hija komposta minn żewġ segmenti ta' titjiriet li għandhom jitwettqu minn trasportatur tal-ajru Komunitarju meta kemm l-ajruport tat-tluq tal-ewwel segment tat-titjira kif ukoll l-ajruport tal-wasla tat-tieni segment tat-titjira jinsabu f'pajjiż terz, li huwa biss l-ajruport fejn il-waqfa sseħħ li jinsab fi Stat Membru.

(1) ĠU C 433, 14.12.2020.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato – l-Italja) – PJ vs Agenzia delle dogane e dei monopoli – Ufficio dei monopoli per la Toscana, Ministero dell'Economia e delle Finanze**

**(Kawża C-452/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Direttiva 2014/40/UE – Artikolu 23(3) – Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk – Projbizzjoni ta' bejgħ ta' prodotti tat-tabakk lill-minuri – Sistema ta' sanzjonijiet – Sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi – Obbligu, għall-bejjiegħa ta' prodotti tat-tabakk, li jivverifikaw l-età tax-xerrej mal-bejgħ ta' dawn il-prodotti – Multa – Operat ta' bar-tabakkerija – Sospensjoni tal-liċenzja ta' operat għal perijodu ta' ħmistax-il ġurnata – Prinċipju ta' proporzjonalità – Prinċipju ta' prekawzjoni)***

(2022/C 165/14)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* PJ

*Konvenut:* Agenzia delle dogane e dei monopoli – Ufficio dei monopoli per la Toscana, Ministero dell'Economia e delle Finanze

**Dispożittiv**

Il-prinċipju ta' proporzjonalità għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-każ tal-ewwel ksur tal-projbizzjoni ta' bejgħ ta' prodotti tat-tabakk lill-minuri, tipprevedi, minbarra l-impożizzjoni ta' multa amministrattiva, is-sospensjoni tal-liċenzja tal-operat li tawtorizza lill-operatur ekonomiku li jkun kiser din il-projbizzjoni li jbigħ tali prodotti għal perijodu ta' ħmistax-il ġurnata, sakemm tali leġiżlazzjoni ma teċċedix il-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċessarju għat-twettiq tal-għan ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' tnaqqis, b'mod partikolari, tal-prevalenza tat-tipjip fost iż-żgħażagħ.

[1] ĠU C 423, 7.12.2020

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – il-Belġju) – Namur-Est Environnement ASBL vs Région wallonne**

**(Kawża C-463/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2011/92/UE – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti fuq l-ambjent – Direttiva 92/43/KEE – Konservazzjoni tal-habitats naturali – Rabta bejn il-proċedura ta' evalwazzjoni u ta' awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/92/UE u proċedura nazzjonali ta' deroga mill-miżuri ta' protezzjoni tal-ispeċi previsti fid-Direttiva 92/43/KEE – Kunċett ta' "awtorizzazzjoni" – Proċess deċiżjonali kumpless – Obbligu ta' evalwazzjoni – Portata materjali – Stadju proċedurali li fih għandha tiġi ggarantita l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali)***

(2022/C 165/15)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Namur-Est Environnement ASBL

*Konvenut:* Région wallonne

**Dispożittiv**

1) Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent għandha tiġi interpretata fis-sens li deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, li tawtorizza lil żviluppatur jidderoga mill-miżuri applikabbli fil-qasam tal-protezzjoni tal-ispeċi, sabiex jitwettaq proġett, fis-sens tal-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 2011/92, taqa' taħt il-proċess ta' awtorizzazzjoni ta' dan il-proġett, fis-sens tal-Artikolu 1(2)(c) ta' id-direttiva, fil-każ li, minn naħa, dan il-proġett ma jkunx jista' jitwettaq jekk l-iżviluppatur ma jkunx kiseb din id-deċiżjoni u fil-każ li, min-naħa l-oħra, l-awtorità kompetenti sabiex tawtorizza tali proġett iżżomm il-possibbiltà li tevalwa l-effetti ambjentali tiegħu b'mod iktar strett milli sar fl-imsemmija deċiżjoni.

2) Id-Direttiva 2011/92 għandha tiġi interpretata, fid-dawl b'mod partikolari tal-Artikoli 6 u 8 tagħha, fis-sens li l-adozzjoni ta' deċiżjoni preliminari li tawtorizza lil żviluppatur jidderoga mill-miżuri applikabbli fil-qasam tal-protezzjoni tal-ispeċi, sabiex jitwettaq proġett, fis-sens tal-Artikolu 1(2)(a) ta' din id-direttiva, ma għandhiex neċessarjament tkun ippreċeduta minn parteċipazzjoni tal-pubbliku, kemm-il darba din il-parteċipazzjoni tiġi żgurata b'mod effettiv qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni li għandha tittieħed mill-awtorità kompetenti għall-eventwali awtorizzazzjoni ta' dan il-proġett.

[1] ĠU C 9, 11.1.2021.

---

**-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – Il-Belġju) – XXXX vs Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides**

**(Kawża C-483/20)** [1]

***("Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika komuni fil-qasam tal-ażil – Proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2013/32/UE – Artikolu 33(2)(a) – Inammissibbiltà ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata fi Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz li jkun kiseb l-istatus ta' refuġjat fi Stat Membru ieħor, fil-waqt li l-wild minuri ta' ta' dan iċ-ċittadin, li jibbenefika mill-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja, jirrisjedi fl-ewwel Stat Membru – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 7 – Dritt għall-osservanza tal-ħajja tal-familja – Artikolu 24 – Aħjar interess tal-wild – Assenza ta' ksur tal-Artikoli 7 u 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali minħabba l-inammissibbiltà tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2011/95/UE – Artikolu 23(2) – Obbligu għall-Istati Membri li jissorvelja għaż-żamma tal-unità tal-familja ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali")***

(2022/C 165/16)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* XXXX

*Konvenut:* Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides

**Dispożittiv**

L-Artikolu 33(2)(a) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali moqri fid-dawl tal-Artikolu 7 u l-Artikolu 24(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li Stat Membru jeżerċita l-possibbiltà offruta minn din id-dispożizzjoni li jiċħad applikazzjoni għall-għoti tal-protezzjoni internazzjonali bħala inammissibbli minħabba li l-applikant ikun diġà ngħata l-istatus ta’ refuġjat minn Stat Membru ieħor, meta dan l-applikant huwa l-missier ta’ wild minuri mhux akkumpanjat li jkun kiseb il-benefiċċju tal-protezzjoni sussidjarja fl-ewwel Stat Membru, mingħajr preġudizzju madankollu għall-applikazzjoni tal-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta’ ċittadini nazzjonali ta’ pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija.

(1) ĠU C 9, 11.1.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa’ Awla) tal-24 ta’ Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Bucureşti – ir-Rumanija) – Alstom Transport SA vs Compania Naţională de Căi Ferate CFR SA, Strabag AG – Sucursala Bucureşti, Swietelsky AG Linz – Sucursala Bucureşti**

**(Kawża C-532/20)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 92/13/KEE – Proċeduri ta’ għoti tal-kuntratti tal-entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjonijiet – Artikolu 1(3) u (3) – Aċċess għall-proċeduri ta’ rikors – Artikolu 2ċ – Termini għall-preżentata ta’ rikors – Kalkolu – Rikors kontra deċiżjoni ta’ ammissjoni ta’ offerent)***

(2022/C 165/17)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Bucureşti

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Alstom Transport SA

*Konvenuti:* Compania Naţională de Căi Ferate CFR SA, Strabag AG – Sucursala Bucureşti, Swietelsky AG Linz – Sucursala Bucureşti

**Dispożittiv**

Ir-raba’ subparagrafu tal-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 1(3) kif ukoll l-Artikolu 2ċ tad-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE tal-25 ta’ Frar 1992 li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għall-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-proċeduri ta’ akkwist [għall-għoti ta’ kuntratti] ta’ entitajiet li joperaw fis-setturi ta’ l-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni, kif emendata bid-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Frar 2014, għandhom jiġu interpretati fis-sens li t-terminu li fih l-offerent rebbieħ ta’ kuntratt jista’ jippreżenta rikors kontra deċiżjoni tal-entità kontraenti li tiddikjara ammissibbli, fil-kuntest tad-deċiżjoni ta’ għoti ta’ dan il-kuntratt, l-offerta ta’ offerent eskluż jista’ jiġi kkalkolat billi tittieħed bħala punt ta’ riferiment id-data tar-riċezzjoni ta’ din id-deċiżjoni tal-għoti minn dan l-offerent rebbieħ, u dan anki jekk, f’din id-data, dan l-offerent eskluż ma jkunx ippreżenta jew ma jkunx għadu ppreżenta rikors kontra tagħha. Għall-kuntrarju, jekk, fil-kuntest tan-notifika jew tal-pubblikazzjoni tal-imsemmija deċiżjoni, espożizzjoni fil-qosor tal-motivi rilevanti tagħha, bħalma hija l-informazzjoni dwar il-modalitajiet ta’ evalwazzjoni tal-imsemmija offerta, ma tkunx ġiet ikkomunikata lill-imsemmi offerent rebbieħ konformement ma’ dan l-Artikolu 2ċ, dan it-terminu għandu jiġi kkalkolat billi tittieħed bħala punt ta’ riferiment il-komunikazzjoni ta’ tali espożizzjoni lill-istess offerent rebbieħ.

(1) ĠU C 53, 15.2.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba'Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas – il-Litwanja) – "Tiketa" UAB vs M. Š.**

**(Kawża C-536/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2011/83/UE – Kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Kunċett ta' "kummerċjant" – Obbligu ta' informazzjoni li tikkonċerna l-kuntratti mill-bogħod – Rekwiżit li tiġi pprovduta l-informazzjoni meħtieġa b'lingwaġġ ċar u li jinftiehem u fuq mezz li jservi għal żmien twil)***

(2022/C 165/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

**Qorti tar-rinviju**

Lietuvos Aukščiausiasis Teismas

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* "Tiketa" UAB

*Konvenut:* M. Š.

*fil-preżenza ta':* "Baltic Music" VšĮ

**Dispożittiv**

1) Il-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandu jiġi interpretat fis-sens li tikkostitwixxi "kummerċjant", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, mhux biss il-persuna fiżika jew ġuridika li taġixxi għall-iskopijiet relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni proprja tagħha fil-kuntratti koperti minn din id-direttiva, iżda wkoll il-persuna fiżika jew ġuridika li taġixxi bħala intermedjarju, f'isem jew għall-interessi ta' dan il-kummerċjant, sa fejn dan l-intermedjarju u n-negozjant prinċipali jistgħu t-tnejn jiġu kklassifikati bħala "kummerċjanti" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, mingħajr ma jkun meħtieġ għal dan il-għan li tiġi kkaratterizzata l-eżistenza ta' provvista doppja ta' servizzi.

2) L-Artikolu 6(1) u (5) u l-Artikolu 8(1) u (7) tad-Direttiva 2011/83 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li, qabel il-konklużjoni tal-kuntratt, l-informazzjoni prevista f'dan l-Artikolu 6(1) tiġi pprovduta biss lill-konsumatur fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-provvista ta' servizzi fis-sit tal-intermedjarju, approvati b'mod attiv minn dan il-konsumatur billi jittikkja l-kaxxa prevista għal dan il-għan, sa fejn din l-informazzjoni tiġi mgħarrfa lill-konsumatur b'mod ċar u li jinftiehem. Madankollu, tali modalità ta' informazzjoni ma tistax tissostitwixxi l-għoti lill-konsumatur tal-konferma tal-kuntratt fuq mezz li jservi għal żmien twil, fis-sens tal-Artikolu 8(7) ta' din id-direttiva, peress li dan il-fatt ma jipprekludix li din l-informazzjoni tkun parti integrali mill-kuntratt mill-bogħod jew lil hinn mill-post tan-negozju.

[1] ĠU C 19, 18.1.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba’ Awla) tal-24 ta’ Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Okręgowy w Warszawie – il-Polonja) – ORLEN KolTrans sp. z o.o. vs Prezes Urzędu Transportu Kolejowego**

**(Kawża C-563/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport ferrovjarju – Direttiva 2001/14/KE – Artikolu 4 – Iffissar tat-tariffi tal-infrastruttura permezz ta’ deċiżjoni tal-amministratur – Artikolu 30(2) – Dritt għal azzjoni amministrattiva tal-impriżi ferrovjarji – Artikolu 30(6) – Stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-korp regolatorju)***

(2022/C 165/19)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Sąd Okręgowy w Warszawie

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* ORLEN KolTrans sp. z o.o.

*Konvenut:* Prezes Urzędu Transportu Kolejowego

**Dispożittiv**

1) L-Artikolu 30(2)(e) tad-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Frar 2001 fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità ta’ l-infrastruttura tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu ta’ l-infrastruttura tal-ferrovija, kif emendata bid-Direttiva 2007/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2007, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jirregolax id-dritt ta’ impriża ferrovjarja, li tuża jew li għandha l-intenzjoni tuża l-infrastruttura ferrovjarja, li tipparteċipa fi proċedura eventwali mressqa mill-korp regolatorju għall-finijiet tal-adozzjoni ta’ deċiżjoni li tapprova jew tiċħad abbozz ta’ rati unitarji tat-tariffa bażika għall-aċċess minimu għall-infrastruttura sottomess minn amministratur tal-infrastruttura.

2) L-Artikolu 30(6) tad-Direttiva 2001/14, kif emendata bid-Direttiva 2007/58, għandu jiġi interpretat fis-sens li impriża ferrovjarja, li tuża jew li għandha l-intenzjoni tuża l-infrastruttura ferrovjarja, għandha tkun tista’ tikkontesta, quddiem il-qorti kompetenti, id-deċiżjoni tal-korp regolatorju li tapprova r-rati unitarji tat-tariffa bażika għall-aċċess minimu għall-infrastruttura, stabbiliti mill-amministratur ta’ dik l-infrastruttura.

[1] ĠU C 44, 8.2.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-24 ta’ Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Înalta Curte de Casație şi Justiție – ir-Rumanija) – SC Cridar Cons SRL vs Administrația Județeană a Finanțelor Publice Cluj, Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj-Napoca**

**(Kawża C-582/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud – Direttiva 2006/112/KE – Artikoli 167 u 168 – Dritt għal tnaqqis – Rifjut – Evażjoni tat-taxxa – Produzzjoni tal-provi – Sospensjoni tad-deċiżjoni fuq ilment amministrattiv li jirrigwarda avviż ta’ tassazzjoni li jirrifjuta dritt għal tnaqqis, fl-istennija tal-eżitu ta’ proċeduri kriminali – Awtonomija proċedurali tal-Istati Membri – Prinċipju ta’ newtralità fiskali – Dritt għal amministrazzjoni tajba – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea)***

(2022/C 165/20)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Înalta Curte de Casație şi Justiție

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* SC Cridar Cons SRL

*Konvenuti:* Administrația Județeană a Finanțelor Publice Cluj, Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj-Napoca

**Dispożittiv**

Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta’ Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza lill-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali jissospendu d-deċiżjoni fuq ilment amministrattiv imressaq kontra avviż ta’ tassazzjoni li jirrifjuta lil persuna taxxabbli l-benefiċċju tad-dritt għat-tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa minħabba l-involviment ta’ din il-persuna taxxabbli f’evażjoni tat-taxxa, bil-għan li jinkisbu elementi oġġettivi supplimentari relatati ma’ dan l-involviment, bil-kundizzjoni, l-ewwel, li tali sospensjoni ma jkollhiex l-effett li ddewwem l-eżitu ta’ din il-proċedura ta’ lment amministrattiv lil hinn minn terminu raġonevoli, it-tieni, li d-deċiżjoni li tordna din is-sospensjoni tkun motivata fil-fatt kif ukoll fid-dritt u tista’ tkun suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju u, it-tielet, li, jekk jirriżulta finalment li d-dritt għal tnaqqis ikun ġie rrifjutat bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, din il-persuna taxxabbli tkun tista’ tikseb ir-rimbors tas-somma korrispondenti f’terminu raġonevoli kif ukoll, skont il-każ, tal-interessi moratorji fuqha. F’dawn iċ-ċirkustanzi, ma huwiex meħtieġ li, matul din is-sospensjoni tad-deċiżjoni, l-imsemmija persuna taxxabbli tkun tibbenefika minn sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta’ dan l-avviż, ħlief, fil-każ ta’ dubju serju dwar il-legalità tal-imsemmi avviż, jekk l-għoti ta’ sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-istess avviż ikun neċessarju sabiex jiġi evitat dannu gravi u irreparabbli għall-interessi tal-persuna taxxabbli.

[1] ĠU C 53, 15.2.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-3 ta' Marzu 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte suprema di cassazione – L-Italja) – Presidenza del Consiglio dei Ministri *et* vs UK *et***

**(Kawża C-590/20)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Koordinazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-attivitajiet tat-tobba – Direttivi 75/363/KEE u 82/76/KEE – Taħriġ ta' tabib speċjalista – Remunerazzjoni xierqa – Applikazzjoni tad-Direttiva 82/76/KEE għat-taħriġ li nbeda qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tagħha u li tkompla wara d-data ta' skadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni)***

(2022/C 165/21)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Presidenza del Consiglio dei Ministri *et*

*Konvenuti:* UK *et*

**Dispożittiv**

L-Artikolu 2(1)(c), l-Artikolu 3(1) u (2) kif ukoll l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 75/363/KEE tas-16 ta' Ġunju 1975 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jikkonċernaw l-attivitajiet ta' tabib, kif emendata mid-Direttiva tal-Kunsill 82/76/KEE tas-26 ta' Jannar 1982, għandhom jiġu interpretati fis-sens li kull taħriġ full-time jew part-time ta' tabib speċjalista, li nbeda qabel id-dħul fis-seħħ, fid-29 ta' jannar 1982, tad-Direttiva 82/76 u li tkompla wara l-iskadenza, fl-1 ta' Jannar 1983, tat-terminu għat-traspożizzjoni ta' din id-direttiva, għandu, għall-perijodu ta' dan it-taħriġ mill-1 ta' Jannar 1983 sa tmiem l-imsemmi taħriġ, ikun is-suġġett ta' remunerazzjoni xierqa, fis-sens ta' dan l-anness, bil-kundizzjoni li dan it-taħriġ ikun jirrigwarda speċjalizzazzjoni medika komuni għall-Istati Membri kollha jew għal tnejn jew iktar minnhom u li jissemma fl-Artikoli 5 jew 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 75/362/KEE tas-16 ta' Ġunju 1975 dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, taċ-ċertifikati u ta' titoli oħra ta' tabib u li tinkludi miżuri intiżi sabiex jiġi faċilitat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

([1]) Data tal-preżentata: 10.11.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supremo Tribunal Administrativo – il-Portugall) – Suzlon Wind Energy Portugal – Energia Eólica Unipessoal, Lda vs Autoridade Tributária e Aduaneira**

**(Kawża C-605/20)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 2(1)(ċ) – Applikazzjoni ratione temporis – Provvisti suġġetti għall-VAT – Provvisti ta' servizzi taħt titolu oneruż – Kriterji – Relazzjoni intragrupp – Provvisti li jikkonsistu fit-tiswija jew fis-sostituzzjoni ta' komponenti ta' turbini eoliċi taħt garanzija u li jitwettqu rapporti ta' nuqqas ta' konformità – Noti ta' debitu maħruġa mill-fornitur mingħajr ma tissemma l-VAT – Tnaqqis mill-fornitur tal-VAT imposta fuq l oġġetti u s-servizzi li ġew iffatturati lilu mis-subappaltaturi tiegħu fir-rigward tal-istess provvisti)***

(2022/C 165/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Supremo Tribunal Administrativo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Suzlon Wind Energy Portugal – Energia Eólica Unipessoal, Lda

*Konvenut:* Autoridade Tributária e Aduaneira

**Dispożittiv**

L-Artikolu 2(1)(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta’ Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li t-tranżazzjonijiet li jaqgħu f’kuntest kuntrattwali li jidentifika fornitur ta’ servizzi, ix-xerrej ta’ dawn tal-aħħar u n-natura tal-provvisti inkwistjoni, debitament ikkontabilizzati mill-persuna taxxabbli, li għandhom titolu li jikkonferma n-natura tagħhom ta’ servizzi u li jkunu taw lok għal ħlas riċevut mill-fornitur li jikkostitwixxi l-korrispettiv effettiv tal-imsemmija servizzi fil-forma ta’ noti ta’ debitu, jiffurmaw provvista ta’ servizzi mwettqa taħt titolu oneruż fis-sens ta’ din id-dispożizzjoni, minkejja, minn naħa, l-eventwali assenza ta’ profitt tal-persuna taxxabbli u, min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta’ garanzija rigward l-oġġetti li kienu s-suġġett tal-imsemmija provvisti.

(1) ĠU C 44, 8.2.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba’ Awla) tal-24 ta’ Frar 2022 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tal-Cour d’appel de Liège – il-Belġju) – Pharmacie populaire – La Sauvegarde SCRL vs État belge (C-52/21), Pharma Santé – Réseau Solidaris SCRL vs État belge (C-53/21)**

**(Kawżi magħquda C-52/21 u C-53/21)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Artikolu 56 TFUE – Restrizzjonijiet – Leġiżlazzjoni fiskali – Taxxa fuq il-kumpanniji – Obbligu għax-xerrejja ta’ servizzi li jistabbilixxu u li jittrażmettu lill-amministrazzjoni fiskali dokumenti ta’ sostenn dwar is-somom iffatturati minn fornituri ta’ servizzi stabbiliti fi Stat Membru ieħor – Assenza ta’ tali obbligu fir-rigward tal-provvista ta’ servizzi purament interna – Ġustifikazzjoni – Effikaċja tal-kontrolli fiskali – Proporzjonalità)***

(2022/C 165/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour d’appel de Liège

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Pharmacie populaire – La Sauvegarde SCRL (C-52/21), Pharma Santé – Réseau Solidaris SCRL (C-53/21),

*Konvenut:* État belge (C-52/21 u C-53/21)

**Dispożittiv**

L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta’ Stat Membru li timponi fuq kull kumpannija stabbilita fit-territorju ta’ dan l-ewwel Stat Membru, li tittrażmetti lill-amministrazzjoni fiskali dikjarazzjonijiet dwar il-pagamenti bħala korrispettiv ta’ servizzi mixtrija mingħand fornituri stabbiliti fi Stat Membru ieħor, li fih dawn tal-aħħar huma suġġetti għal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-kontabbiltà tal-impriżi kif ukoll għall-obbligu li joħorġu fatturi konformement mal-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud u dan, taħt piena ta’ żieda fit-taxxa tal-kumpanniji ugwali għal 50 % jew għal 100 % tal-valur ta’ dawn is-servizzi, filwaqt li, konformement ma’ prassi amministrattiva, l-imsemmi l-ewwel Stat Membru ma jimponi ebda obbligu ekwivalenti meta l-imsemmija servizzi huma pprovduti minn fornituri stabbiliti fit-territorju tiegħu.

(1) ĠU C 128, 12.4.2021.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Craiova – ir-Rumanija) – fil-proċedura mibdija minn RS**

**(Kawża C-430/21)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Stat tad-dritt – Indipendenza ġudizzjarja – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19 TUE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni – Assenza ta' setgħa ta' qorti nazzjonali sabiex teżamina l-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali meqjusa konformi mal-kostituzzjoni mill-qorti kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat – Proċeduri dixxiplinari)***

(2022/C 165/24)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Craiova

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* RS

**Dispożittiv**

1) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri flimkien mal-Artikolu 2, l-Artikolu 4(2) u (3) TUE, u mal-Artikolu 267 TFUE kif ukoll mal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali li timplika li l-qrati ordinarji ta' Stat Membru ma għandhomx is-setgħa jeżaminaw il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li l-qorti kostituzzjonali ta' dan l-Istat Membru tkun iddeċidiet li hija konformi ma' dispożizzjoni kostituzzjonali nazzjonali li timponi l-osservanza tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni.

2) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri flimkien mal-Artikolu 2, l-Artikolu 4(2) u (3) TUE, u mal-Artikolu 267 TFUE kif ukoll mal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali li tippermetti li tiġi stabbilita r-responsabbiltà dixxiplinari ta' mħallef nazzjonali minħabba li dan ikun applika d-dritt tal-Unjoni, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, billi ma jimxix mal-ġurisprudenza tal-qorti kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat li hija inkompatibbli mal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni.

[1] ĠU C 371, 3.11.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-22 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank Amsterdam – il-Pajjiżi l-Baxxi) – Eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej maħruġa kontra X (C-562/21 PPU), Y (C-563/21 PPU)**

**(Kawżi magħquda C-562/21 PPU u C-563/21 PPU)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Artikolu 1(3) – Proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri – Kundizzjonijiet ta' eżekuzzjoni – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 – Dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel mil-liġi – Nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati – Eżami f'żewġ stadji – Kriterji ta' applikazzjoni – Obbligu tal-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tivverifika b'mod konkret u preċiż jekk jeżistux raġunijiet serji u pprovati sabiex wieħed jemmen li l-persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew taffaċċjax, fil-każ ta' konsenja, riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel mil-liġi)***

(2022/C 165/25)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Rechtbank Amsterdam

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* X (C-562/21 PPU) Y (C 563/21 PPU)

**Dispożittiv**

L-Artikolu 1(2) u (3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299/ĠAI tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni mitluba tiddeċiedi dwar il-konsenja ta' persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew ikollha għad-dispożizzjoni tagħha elementi li jindikaw l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati f'dak li jikkonċerna l-indipendenza tal-ġudikatura tal-Istat Membru emittenti, fir-rigward b'mod partikolari tal-proċedura ta' ħatra tal-membri ta' dan il-poter, din l-awtorità ma tistax tirrifjuta l-konsenja ta' din il-persuna:

— fil-kuntest ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena jew ta' miżura li ċċaħħad il-libertà, ħlief jekk l-imsemmija awtorità tikkonstata li jeżistu, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, raġunijiet serji u pprovati sabiex wieħed jemmen li, fid-dawl b'mod partikolari tal-elementi pprovduti mill-imsemmija persuna u relatati mal-kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti li kien jaf bil-kawża kriminali tal-persuna jew ma' kull fatt ieħor rilevanti għall-evalwazzjoni tal-indipendenza u tal-imparzjalità ta' dan il-kulleġġ, id-dritt fundamentali tal-istess persuna għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel mil-liġi, stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ma jkunx ġie irrispettat, u

— fil-kuntest ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' proċeduri kriminali, huwa biss jekk din l-istess awtorità tikkonstata li jeżistu, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, raġunijiet serji u pprovati sabiex wieħed jemmen li, fid-dawl b'mod partikolari tal-elementi pprovduti mill-persuna kkonċernata u relatati mas-sitwazzjoni personali tagħha, man-natura tar-reat li għalih din hija akkużata, mal-kuntest fattwali li fih dan il-mandat ta' arrest Ewropew jaqa' jew ma' kull fatt oħra rilevanti għall-evalwazzjoni tal-indipendenza u tal-imparzjalità tal-kulleġġ ġudikanti probabbilment imsejjaħ sabiex jieħu konjizzjoni tal-proċedura relatata ma' din il-persuna, din tal-aħħar taffaċċja, fil-każ ta' konsenja, riskju reali ta' ksur ta' dan id-dritt fundamentali.

(1) ĠU C 2, 3.1.2022.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-10 ta' Jannar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale di Parma – l-Italja) – proċeduri kriminali kontra ZI, TQ**

**(Kawża C-437/20)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Logħob tal-ażżard – Konċessjonijiet għall-attività ta' ġbir ta' mhatri – Estensjoni tal-konċessjonijiet diġà mogħtija – Regolarizzazzjoni ta' ċentri ta' trażmissjoni tad-data (ĊTD) li jeżerċitaw din l-attività fl-assenza ta' konċessjoni u ta' awtorizzazzjoni tal-pulizija – Terminu ristrett – Inammissibbiltà manifesta tat-talba għal deċiżjoni preliminari)***

(2022/C 165/26)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Parma

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*ZI, TQ*

**Dispożittiv**

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mt-Tribunale di Parma (il-Qorti ta' Parma, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Novembru 2019, hija manifestament inammissibbli.

(1) Data ta' preżentata: 17.9.2020.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-21 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Commissione tributaria provinciale di Roma – l-Italja) – Leonardo SpA vs Agenzia delle Entrate – Direzione Regionale del Lazio**

**(Kawża C-550/21)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) u Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud – Assenza ta' preċiżazzjonijiet suffiċjenti – Inammissibbiltà manifesta)***

(2022/C 165/27)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Commissione tributaria provinciale di Roma

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Leonardo SpA

*Konvenut:* Agenzia delle Entrate – Direzione Regionale del Lazio

**Dispożittiv**

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione tributaria provinciale di Roma (il-Kummissjoni Fiskali Provinċjali ta' Ruma, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Lulju 2021, hija manifestament inammissibbli.

(1) Data tal-preżentata: 6.9.2021.

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgericht Wiesbaden – il-Ġermanja) – TV vs Land Hessen**

**(Kawża C-63/22)** [1]

***(Protezzjoni tad-data personali – Aġenzija ta' informazzjoni (uffiċċju ta' informazzjoni ekonomika) – Evalwazzjoni tas-solvenza ("scoring") ta' persuni fiżiċi abbażi ta' informazzjoni mhux ivverifikata pprovduta minn kredituri – Legalità tat-trattament tad-data u responsabbiltà konġunta għal dan it-trattament)***

(2022/C 165/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgericht Wiesbaden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* TV

*Konvenut:* Land Hessen

*Parti oħra:* SCHUFA Holding AG

**Dispożittiv**

Il-Kawża C-63/22 hija kkanċellata mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja.

(1) Data tal-preżentata: 1.2.2022.

**Appell ippreżentat fl-24 ta’ Mejju 2021 minn Roberto Alejandro Macías Chávez, José María Castillejo Oriol, Fernando Presencia mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (ir-Raba’ Awla) fis-27 ta’ April 2021 fil-Kawża T-719/20, Macías Chávez *et* vs Spanja u Il-Parlament**

**(Kawża C-322/21 P)**

(2022/C 165/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Appellanti:* Roberto Alejandro Macías Chávez, José María Castillejo Oriol u Fernando Presencia (rappreżentant: J. Jover Padró, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Parlament Ewropew u ir-Renju ta’ Spanja

Permezz ta’ digriet tal-1 ta’ Frar 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (l-Għaxar Awla) ċaħdet l-appell bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat, u ddeċidiet li l-appellanti għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

---

**Appell ippreżentat fl-10 ta’ Settembru 2021 minn Acciona, S.A. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (il-Ħames Awla) fit-30 ta’ Ġunju 2021 fil-Kawża T-362/20, Acciona vs EUIPO – Agencia Negociadora PB (REACCIONA)**

**(Kawża C-557/21 P)**

(2022/C 165/30)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Appellant:* Acciona, S.A. (rappreżentant: J. C. Erdozain López, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, Agencia Negociadora PB, S.L.

Permezz ta’ digriet tas-27 ta’ Jannar 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) ċaħdet l-ammissjoni tal-appell u ddeċidiet li Acciona, S.A. għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fil-25 ta’ Novembru 2021 – IEF Service GmbH vs HB**

**(Kawża C-710/21)**

(2022/C 165/31)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberster Gerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* IEF Service GmbH

*Konvenut:* HB

**Domandi preliminari**

1. L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni ta’ l-impjegati fil-każ ta’ l-insolvenza ta’ min iħaddimhom (Verżjoni kodifikata) [1] għandu jiġi interpretat fis-sens li impriża jkollha attivitajiet fit-territorju ta’ minn tal-inqas żewġ Stati Membri fis-sens ta’ dan l-artikolu f’sitwazzjoni fejn toffri s-servizzi tagħha fi Stat Membru ieħor, timpjega għal dan il-għan, f’dan l-Istat Membru l-ieħor, inġinier kummerċjali indipendenti u ħaddiem impjegat fl-uffiċċju rreġistrat tal-impriża jaħdem b’mod regolari ġimgħa minn kull tnejn fl-Istat Membru l-ieħor mill-uffiċċju fid-dar tiegħu?

2. Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

   L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2008/94 għandu jiġi interpretat fis-sens li ħaddiem ta' tali impriża, li jirrisjedi fit-tieni Stat Membru fejn huwa suġġett b'mod obbligatorju għas-sigurtà soċjali iżda li jwettaq ix-xogħol tiegħu billi jalterna bejn ġimgħa fl-Istat Membru fejn għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha l-persuna li timpjegah u ġimgħa fl-Istat Membru fejn jirrisjedi u fejn huwa suġġett għas-sigurtà soċjali, jeżerċita "abitwalment" ix-xogħol tiegħu fiż-żewġ Stati Membri fis-sens ta' dan l-artikolu?

3. Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda:

   L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2008/94 għandu jiġi interpretat fis-sens li, fir-rigward tal-ħlas tal-pretensjonijiet pendenti ta' ħaddiem impjegat li jeżerċita jew li kien jeżerċita abitwalment ix-xogħol tiegħu f'żewġ Stati Membri, l-istituzzjoni ta' garanzija kompetenti hija:

   (a) l-istituzzjoni ta' garanzija tal-Istat Membru li għal-leġiżlazzjoni tiegħu l-ħaddiem huwa suġġett fil-kuntest tal-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali (assigurazzjoni soċjali) meta, konformement mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/94, l-istituzzjonijiet ta' garanzija fiż-żewġ Stati Membri jiffunzjonaw b'tali mod li l-kontribuzzjonijiet tal-persuni li jimpjegaw għall-finanzjament tal-istituzzjoni ta' garanziji huma dovuti bħala parti mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji ta' assigurazzjoni soċjali, jew

   (b) l-istituzzjoni ta' garanzija tal-Istat Membru l-ieħor li fih l-impriża insolventi għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha, jew

   (c) l-istituzzjonijiet ta' garanzija taż-żewġ Stati Membri, b'tali mod li l-ħaddiem impjegat jista' jagħżel liema waħda jixtieq li tintervjeni meta jressaq it-talba tiegħu?

---

([1]) ĠU 2008, L 283, p. 36.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Bucureşti (ir-Rumanija) fil-21 ta' Diċembru 2021 – R.I. vs Inspecţia Judiciară, N.L.**

**(Kawża C-817/21)**

(2022/C 165/32)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Bucureşti

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* R.I.

*Konvenuti:* Inspecţia Judiciară, N.L.

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tat-Trattat UE, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verfika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni ([1]), kif ukoll il-garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità imposti mid-dritt tal-Unjoni, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-ispettur kap tal-Inspecţiei Judiciare (l-Ispettorat Ġudizzjarju) jadotta atti amministrattivi (infralegali) u/jew individwali li permezz tagħhom jiddeċiedi b'mod awtonomu l-organizzazzjoni tal-qafas istituzzjonali tal-Ispettorat Ġudizzjarju għall-għażla tal-ispetturi ġudizzjarji u l-evalwazzjoni tal-attività tagħhom, it-twettiq tax-xogħlijiet ta' spezzjoni, kif ukoll in-nomina tal-aġent spettur kap, fil-każ fejn, skont il-liġi organika, dawn il-persuni jkunu l-uniċi li jistgħu jwettqu, jikkonfermaw jew jirrifjutaw atti ta' investigazzjoni dixxiplinarja kontra l-ispettur kap?

---

([1]) ĠU 2007, L 142M, p. 825.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Înalta Curte de Casație şi Justiție (ir-Rumanija) fit-30 ta' Diċembru 2021 – Banca A vs A.N.A.F., Preşedintele A.N.A.F.**

**(Kawża C-827/21)**

(2022/C 165/33)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Înalta Curte de Casație şi Justiție

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Banca A

*Konvenuti:* A.N.A.F., Preşedintele A.N.A.F.

**Domandi preliminari**

1) Il-qorti nazzjonali hija meħtieġa tinterpreta konformement mad-Direttiva tal-Kunsill 2009/133/KE tad-19 ta' Ottubru 2009 dwar is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għal mergers, diviżjonijiet, diviżjonijiet parzjali, trasferimenti ta' assi u skambji ta' ishma li jikkonċernaw kumpanniji ta' Stati Membri differenti u għat-trasferiment tal-uffiċċju reġistrat ta' SE jew SCE bejn Stati Membri ([1]), regola fiskali nazzjonali applikabbli għal sitwazzjonijiet interni li tirregola n-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul mill-kanċellazzjoni ta' sehem tal-kumpannija benefiċjarja fil-kapital tal-kumpannija li tittrasferixxi, f'ċirkustanzi bħal dawk f'din il-kawża, meta:

— il-leġiżlatur nazzjonali ppreveda regoli distinti għat-tranżazzjonijiet interni u għal dawk transkonfinali simili, regoli dawn li ma humiex identiċi;

— ir-regola nazzjonali applikabbli għat-tranżazzjonijiet interni topera permezz ta' kunċetti li jinsabu fid-Direttiva – amalgamazzjoni, trasferiment ta' assi u ta' passiv, kanċellazzjoni ta' sehem;

— l-espożizzjoni tal-motivi tal-liġi fiskali nazzjonali tista' tiġi interpretata fis-sens li l-leġiżlatur kellu l-intenzjoni li jistabbilixxi l-istess soluzzjoni fiskali kemm għat-tranżazzjonijiet interni kif ukoll għat-tranżazzjonijiet transkonfinali, irregolati mit-traspożizzjoni tad-Direttiva, sabiex josserva l-prinċipju ta' newtralità fiskali tal-amalgamazzjoni b'mod mhux diskriminatorju u b'mod li jevita distorsjoni tal-kompetizzjoni?

2) L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2009/133 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-benefiċċju tan-nuqqas ta' tassazzjoni tad-dħul li jirriżulta mill-kanċellazzjoni ta' sehem ta' kumpannija f'kumpannija oħra, insegwitu għat-trasferiment ta' assi u ta' passiv ta' din l-aħħar kumpannija lejn l-ewwel waħda, ma jistax jiġi rrifjutat minħabba li t-tranżazzjoni inkwistjoni ma tissodisfax il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti mil-liġi nazzjonali għall-klassifikazzjoni tagħha bħala amalgamazzjoni?

3) L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2009/133 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-benefiċċju tan-nuqqas ta' tassazzjoni japplika għall-profitt li jirriżulta minn akkwist b'kundizzjonijiet favorevoli, rifless fid-dikjarazzjoni tad-dħul tal-kumpannija li tixtri?

([1]) ĠU 2009, L 310, p. 34.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fis-6 ta' Jannar 2022 – RF vs Finanzamt G**

**(Kawża C-15/22)**

(2022/C 165/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesfinanzhof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Appellant:* RF

*Appellat:* Finanzamt G

**Domanda preliminari**

Id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 4(3) tat-Trattat UE u tal-Artikoli 208 u 210 tat-Trattat FUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu prassi amministrattiva nazzjonali li abbażi tagħha ma jkunx hemm rinunzja għat-taxxa jekk proġett ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp ikun iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp filwaqt li, taħt ċerti kundizzjonijiet, ikun hemm rinunzja għat-taxxa fuq is-salarju li l-ħaddiem jirċievi abbażi ta' kuntratt tax-xogħol għal attività marbuta mal-għajnuna pubblika għall-iżvilupp ipprovduta mill-Ġermanja fil-kuntest tal-kooperazzjoni teknika jew finanzjarja, li hija tal-inqas 75 % iffinanzjata minn ministeru federali responsabbli għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp jew minn kumpannija privata tal-għajnuna għall-iżvilupp li hija proprjetà tal-Istat?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Portugall) fl-10 ta' Jannar 2022 – Caxamar – Comércio e Indústria de Bacalhau SA vs Autoridade Tributária e Aduaneira**

**(Kawża C-23/22)**

(2022/C 165/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Caxamar – Comércio e Indústria de Bacalhau SA

*Konvenut:* Autoridade Tributária e Aduaneira

**Domanda preliminari**

L-interpretazzjoni korretta tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali mill-Istat għall-2014-2020, moqrija flimkien mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 ([1]) tas-16 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, b'mod speċifiku l-Artikolu 1 u l-punt 11 tal-Artikolu 2 tiegħu, mar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 ([2]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000, kif ukoll mal-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, tippermetti l-konklużjoni li, skont l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 22(1) tal-Código Fiscal do Investimento (il-Kodiċi Fiskali dwar l-Investiment), approvat permezz tad-Digriet Liġi Nru 162/2014 tal-31 ta' Ottubru 2014 u l-Artikolu 1 u 2 tad-Digriet Ministerjali Nru 282/2014 tat-30 ta' Diċembru 2014, l-attività ta' pproċessar ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura relatati mal-"bakkaljaw immellaħ", "bakkaljaw iffriżat", u "'bakkaljaw imlaħlaħ mill-melħ", li jaqgħu taħt il-Kodiċi ta' Attività Ekonomika 10204Rev3:, ma hijiex attività ta' pproċessar ta' prodott agrikolu għall-finijiet tal-għoti tal-għajnuna fiskali kkontemplata?

([1]) ĠU 2014, L 187, p. 1.
([2]) ĠU 2013, L 354, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Pesti Központi Kerületi Bíróság (l-Ungerija) fil-25 ta' Jannar 2022 – PannonHitel Pénzügyi Zrt. vs Wizz Air Hungary Légiközlekedési Zrt. (Wizz Air Hungary Zrt.)**

**(Kawża C-51/22)**

(2022/C 165/36)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Pesti Központi Kerületi Bíróság

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* PannonHitel Pénzügyi Zrt.

*Konvenut:* Wizz Air Hungary Légiközlekedési Zrt. (Wizz Air Hungary Zrt.)

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 5(1)(a), l-ewwel inċiż tal-Artikolu 8(1)(a) u l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 ([1]), għandhom jiġu interpretati fis-sens li passiġġier jista' jeżerċita direttament kontra t-trasportatur tal-ajru d-dritt tiegħu għar-rimbors tal-prezz sħiħ tal-biljett bil-prezz li jkun xtrah, u dan, meta huwa jkun irriżerva l-biljett bl-għajnuna ta' terz li aġixxa bħala intermedjarju u lilu l-passiġġier ħallas il-prezz tal-biljett, u fejn l-imsemmi intermedjarju xtara l-biljett mingħand it-trasportatur tal-ajru u ħallas [lilu] l-prezz tiegħu, meta xejn ma jindika li l-intermedjarju aġixxa fil-kwalità ta' rappreżentant awtorizzat tat-trasportatur tal-ajru jew li għandu jitqies bħala operatur tat-tours?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Frankfurt am Main (il-Ġermanja) fl-1 ta' Frar 2022 – IA vs DER Touristik Deutschland GmbH**

**(Kawża C-62/22)**

(2022/C 165/37)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Amtsgericht Frankfurt am Main

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* IA

*Konvenut:* DER Touristik Deutschland GmbH

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li minbarra li jirregola l-ġurisdizzjoni internazzjonali, dan l-artikolu jinkludi wkoll regola li tikkonċerna l-ġurisdizzjoni territorjali tal-qrati nazzjonali fil-qasam ta' kuntratti tal-ivjaġġar, regola li torbot lill-qorti adita meta l-konsumatur bħala vjaġġatur kif ukoll il-parti kontraenti tiegħu, bħala operatur tal-vjaġġi, ikunu t-tnejn iddomiċiljati fl-istess Stat Membru filwaqt li d-destinazzjoni tal-vjaġġ ma tkunx tinsab f'dan l-Istat Membru iżda barra mill-pajjiż, bil-konsegwenza li, minbarra dispożizzjonijiet nazzjonali, il-konsumatur ikun jista' jinvoka quddiem il-qorti tad-domiċilju tiegħu drittijiet kuntrattwali fil-konfront tal-operatur tal-vjaġġi?

([1]) ĠU 2012, L 351, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consilgio di Stato (l-Italja) fl-1 ta' Frar 2022 – Viagogo AG vs Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni, Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato**

**(Kawża C-70/22)**

(2022/C 165/38)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consilgio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Appellant:* Viagogo AG

*Appellati:* Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni, Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato

**Domandi preliminari**

1) Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 3, 14 u 15 tagħha, moqrija flimkien mal-Artikolu 56 TFUE, jipprekludu l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni ta' Stat Membru dwar il-bejgħ ta' biljetti għal avvenimenti fis-suq sekondarju li għandha l-effett li tipprekludi lil ġestjonarju ta' pjattaforma ta' hosting li jopera fl-Unjoni Ewropea, bħalma hija l-appellanti f'din il-kawża, milli jipprovdi lil utenti terzi servizzi ta' reklamar ta' bejgħ ta' biljetti għal avvenimenti fis-suq sekondarju, billi tirriżerva din l-attività biss għall-bejjiegħa, organizzaturi ta' avvenimenti jew entitajiet oħra awtorizzati minn awtoritajiet pubbliċi sabiex joħorġu biljetti fis-suq primarju permezz ta' sistemi ċċertifikati?

2) Barra minn dan, l-Artikoli 102 TFUE u 106 TFUE, moqrija flimkien, jipprekludu l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni ta' Stat Membru dwar il-bejgħ ta' biljetti għal avvenimenti li tirriżerva s-servizzi kollha inerenti għas-suq sekondarju tal-biljetti (u b'mod partikolari s-senserija għal bejgħ ta' biljetti) biss għall-bejjiegħa, organizzaturi ta' avvenimenti jew entitajiet oħra awtorizzati sabiex joħorġu biljetti fis-suq primarju permezz ta' sistemi ċċertifikati, meta tipprekludi minn tali attività lill-fornituri ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li jixtiequ jaġixxu bħala fornituri ta' hosting fis-sens tal-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva 2000/31/KE, b'mod partikolari fejn, bħal f'dan il-każ, l-effett ta' tali riżerva huwa li tippermetti li operatur dominanti fis-suq primarju ta' distribuzzjoni ta' biljetti jestendi d-dominanza rispettiva tiegħu fuq servizzi ta' senserija fis-suq sekondarju?

3) Il-kunċett ta' fornitur ta' hosting passiv, fis-sens tal-leġiżlazzjoni Ewropea u b'mod partikolari tad-Direttiva 2000/31/KE, jista' jintuża biss fl-assenza ta' kull attività ta' filtrazzjoni, selezzjoni, indiċjar, organizzazzjoni, ikkatalogar, aggregazzjoni, evalwazzjoni, użu, modifika, estrazzjoni jew promozzjoni tal-kontenuti ppubblikati mill-utenti, intiżi bħala indiċi ta' natura illustrattiva u li ma għandhomx ikunu kollha preżenti fl-istess ħin sa fejn dawn għandhom jitqiesu, fihom innifishom, bħala li jindikaw ġestjoni imprenditorjali tas-servizz u/jew tal-adozzjoni ta' teknika ta' evalwazzjoni tal-aġir tal-utenti sabiex tiżdied il-fedeltà, jew inkella hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa r-rilevanza taċ-ċirkustanzi msemmija iktar 'il fuq b'tali mod li, anki jekk ikun hemm waħda jew iktar minnhom, ikun possibbli li jitqies li n-newtralità tas-servizz li jwassal għall-klassifikazzjoni ta' fornitur ta' hosting passiv hija prevalenti?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399.

**Appell ippreżentat fit-3 ta' Frar 2022 minn Grupa Azoty S.A., Azomureş SA, Lipasmata Kavalas LTD Ypokatastima Allodapis mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fid-29 ta' Novembru 2021 fil-Kawża T-726/20, Grupa Azoty *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-73/22 P)**

(2022/C 165/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Grupa Azoty S.A., Azomureş SA, Lipasmata Kavalas LTD Ypokatastima Allodapis (rappreżentanti: D. Haverbeke, L. Ruessmann u P. Sellar, avocats)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla d-digriet appellat; u

— tiddikjara li r-rikors tal-appellanti ppreżentat skont l-Artikolu 263 TFUE u intiż għall-annullament parzjali tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Settembru 2020 intitolata "Linji Gwida dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kuntest tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal wara l-2021" ([1]) huwa ammissibbli; jew

— sussidjarjament, tannulla d-digriet appellat għar-raġuni li l-Qorti Ġenerali kien imissha rriżervat id-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà sakemm tevalwa l-mertu tas-sustanza tar-rikors; u

— tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tevalwa r-rikors fuq il-mertu; u

— tiddeċiedi favur l-appellanti fir-rigward tal-ispejjeż ta' din il-kawża; u

— tirriżerva d-deċiżjoni dwar l-ispejjeż tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sal-konklużjoni tal-evalwazzjoni sħiħa tagħha tar-rikors.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jinvokaw żewġ aggravji.

L-ewwel aggravju: motivazzjoni inadegwata.

— Il-Qorti Ġenerali naqset milli twettaq l-obbligu tagħha li tagħti motivazzjoni adegwata. L-ewwel, fil-punti 34 sa 48 u 49 sa 51 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali naqset milli tindirizza l-argumenti mressqa quddiemha mill-appellanti u milli tistabbilixxi l-fatti tal-kawża quddiemha. It-tieni, hija naqset milli tispjega għaliex huma biss id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni adottati bħala parti minn leġiżlazzjoni sekondarja speċifika li jistgħu jkunu ta' interess dirett għall-appellanti. Dan jikkonċerna l-punt 38 tad-digriet appellat.

It-tieni aggravju: il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-appellanti ma kinux direttament ikkonċernati.

— Il-Qorti Ġenerali tirreferi għal ġurisprudenza stabbilita sabiex tesponi t-test ta' interess dirett fil-punti 26 sa 30 tad-digriet appellat. Bħala parti minn dan it-test ta' interess dirett, il-Qorti Ġenerali għandha tevalwa l-kontenut, in-natura, l-għan u s-sustanza tal-att li jkun qiegħed jiġi kkontestat, kif ukoll il-kuntest fattwali u legali tiegħu. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tagħha tar-rekwiżit ta' "interess dirett" previst fl-Artikolu 263 TFUE billi naqset milli tagħmel dan. Dan jikkonċerna l-punti 34 sa 48 tad-digriet appellat. Il-Qorti Ġenerali ħolqot sitwazzjoni fejn l-appellanti tħallew mingħajr ebda rimedju ġuridiku. Billi naqset milli ssegwi u milli tapplika kif suppost it-test għall-evalwazzjoni tal-interess dirett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

Sussidjarjament, il-Qorti Ġenerali kien imissha rriżervat id-deċiżjoni tagħha dwar l-ammissibbiltà għal wara l-evalwazzjoni tar-rikors fuq il-mertu.

— L-Artikolu 130(7) u (8) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jeħtieġ li l-Qorti Ġenerali tirriżerva d-deċiżjoni tagħha dwar eċċezzjoni ta' inammissibbiltà sakemm tiddeċiedi dwar is-sustanza tal-kawża meta dan ikun iġġustifikat minħabba ċirkustanzi partikolari u għandha mbagħad tistabbilixxi termini ġodda għat-tkomplija tal-istanza. Skont ġurisprudenza stabbilita, ikun hemm tali ċirkustanzi partikolari meta tali riżerva tkun meħtieġa għal amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

— Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet meħtieġa tevalwa n-natura, il-kontenut u l-kuntest tal-att ikkontestat sabiex tiddetermina jekk kienx jikkonċerna direttament lill-appellanti. Sabiex tagħmel din l-evalwazzjoni hija kellha tħares lejn is-sustanza tal-att u jekk jimponix obbligi legali indipendenti fuq l-Istati Membri. Din l-evalwazzjoni tikkoinċidi mal-ewwel motiv fuq il-mertu li jikkonċerna n-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni li tadotta l-Anness I tal-att ikkontestat. Billi naqset milli tirriżerva d-deċiżjoni tagħha dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Kummissjoni sakemm tkun semgħet l-argumenti fuq il-mertu, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 130(7) u (8) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha.

([1]) ĠU 2020, C 317, p. 5

## Appell ippreżentat fl-4 ta' Frar 2022 minn Advansa Manufacturing GmbH, Beaulieu International Group, Brilen, SA, Cordenka GmbH & Co. KG, Dolan GmbH, Enka International GmbH & Co. KG, Glanzstoff Longlaville, Infinited Fiber Company Oy, Kelheim Fibres GmbH, Nurel SA, PHP Fibers GmbH, Teijin Aramid BV, Thrace Nonwovens & Geosynthetics monoprosopi AVEE mi yfanton yfasmaton kai geosynthetikon proïonton, Trevira GmbH mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fid-29 ta' Novembru 2021 fil-Kawża T-741/20, Advansa Manufacturing *et* vs Il-Kummissjoni

**(Kawża C-77/22 P)**

(2022/C 165/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Appellanti:* Advansa Manufacturing GmbH, Beaulieu International Group, Brilen, SA, Cordenka GmbH & Co. KG, Dolan GmbH, Enka International GmbH & Co. KG, Glanzstoff Longlaville, Infinited Fiber Company Oy, Kelheim Fibres GmbH, Nurel SA, PHP Fibers GmbH, Teijin Aramid BV, Thrace Nonwovens & Geosynthetics monoprosopi AVEE mi yfanton yfasmaton kai geosynthetikon proïonton, Trevira GmbH (rappreżentanti: D. Haverbeke, L. Ruessmann u P. Sellar, avocats)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Dralon GmbH, Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla d-digriet appellat; u

— tiddikjara li r-rikors tal-appellanti ppreżentat skont l-Artikolu 263 TFUE u intiż għall-annullament parzjali tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Settembru 2020 intitolata "Linji Gwida dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kuntest tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal wara l-2021" ([1]) huwa ammissibbli; jew

— sussidjarjament, tannulla d-digriet appellat għar-raġuni li l-Qorti Ġenerali kien imissha rriżervat id-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà sakemm tevalwa l-mertu tas-sustanza tar-rikors; u

— tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tevalwa r-rikors fuq il-mertu; u

— tiddeċiedi favur l-appellanti fir-rigward tal-ispejjeż ta' din il-kawża; u

— tirriżerva d-deċiżjoni dwar l-ispejjeż tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sal-konklużjoni tal-evalwazzjoni sħiħa tagħha tar-rikors.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jinvokaw żewġ aggravji.

L-ewwel aggravju: motivazzjoni inadegwata.

— Il-Qorti Ġenerali naqset milli twettaq l-obbligu tagħha li tagħti motivazzjoni adegwata. L-ewwel, fil-punti 34 sa 48 u 49 sa 51 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali naqset milli tindirizza l-argumenti mressqa quddiemha mill-appellanti u milli tistabbilixxi l-fatti tal-kawża quddiemha. It-tieni, hija naqset milli tispjega għaliex huma biss id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni adottati bħala parti minn leġiżlazzjoni sekondarja speċifika li jistgħu jkunu ta' interess dirett għall-appellanti. Dan jikkonċerna l-punt 38 tad-digriet appellat.

It-tieni aggravju: il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-appellanti ma kinux direttament ikkonċernati.

— Il-Qorti Ġenerali tirreferi għal ġurisprudenza stabbilita sabiex tesponi t-test ta' interess dirett fil-punti 26 sa 30 tad-digriet appellat. Bħala parti minn dan it-test ta' interess dirett, il-Qorti Ġenerali għandha tevalwa l-kontenut, in-natura, l-għan u s-sustanza tal-att li jkun qiegħed jiġi kkontestat, kif ukoll il-kuntest fattwali u legali tiegħu. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tagħha tar-rekwiżit ta' "interess dirett" previst fl-Artikolu 263 TFUE billi naqset milli tagħmel dan. Dan jikkonċerna l-punti 34 sa 48 tad-digriet appellat. Il-Qorti Ġenerali ħolqot sitwazzjoni fejn l-appellanti tħallew mingħajr ebda rimedju ġuridiku. Billi naqset milli ssegwi u milli tapplika kif suppost it-test għall-evalwazzjoni tal-interess dirett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

Sussidjarjament, il-Qorti Ġenerali kien imissha rriżervat id-deċiżjoni tagħha dwar l-ammissibbiltà għal wara l-evalwazzjoni tar-rikors fuq il-mertu.

— L-Artikolu 130(7) u (8) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jeħtieġ li l-Qorti Ġenerali tirriżerva d-deċiżjoni tagħha dwar eċċezzjoni ta' inammissibbiltà sakemm tiddeċiedi dwar is-sustanza tal-kawża meta dan ikun iġġustifikat minħabba ċirkustanzi partikolari u għandha mbagħad tistabbilixxi termini ġodda għat-tkomplija tal-istanza. Skont ġurisprudenza stabbilita, ikun hemm tali ċirkustanzi partikolari meta tali riżerva tkun meħtieġa għal amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

— Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet meħtieġa tevalwa n-natura, il-kontenut u l-kuntest tal-att ikkontestat sabiex tiddetermina jekk kienx jikkonċerna direttament lill-appellanti. Sabiex tagħmel din l-evalwazzjoni hija kellha tħares lejn is-sustanza tal-att u jekk jimponix obbligi legali indipendenti fuq l-Istati Membri. Din l-evalwazzjoni tikkoinċidi mal-ewwel motiv fuq il-mertu li jikkonċerna n-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni li tadotta l-Anness I tal-att ikkontestat. Billi naqset milli tirriżerva d-deċiżjoni tagħha dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Kummissjoni sakemm tkun semgħet l-argumenti fuq il-mertu, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 130(7) u (8) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha.

---

([1]) ĠU 2020, C 317, p. 5

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (l-Italja) fid-9 ta' Frar 2022 – Papier Mettler Italia S.r.l. vs Ministero della Transizione Ecologica (già Ministero dell'Ambiente e della Tutela del Territorio e del Mare), Ministero dello Sviluppo Economico**

**(Kawża C-86/22)**

(2022/C 165/41)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Papier Mettler Italia S.r.l.

*Konvenuti:* Ministero della Transizione Ecologica (già Ministero dell'Ambiente e della Tutela del Territorio e del Mare), Ministero dello Sviluppo Economico

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 114(5) u (6) TFUE, l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ ([1]) u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi ([2]) jipprekludu l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali bħal dik prevista mid-digriet interministerjali kkontestat, li tipprojbixxi l-kummerċjalizzazzjoni ta' basktijiet tax-xiri li jintużaw darba biss immanifatturati b'materjali mhux bijodegradabbli iżda li jikkonformaw mar-rekwiżiti l-oħra stabbiliti mid-Direttiva 94/62/KE, meta din id-dispożizzjoni nazzjonali li jkun fiha regoli tekniċi iktar restrittivi mid-dritt tal-Unjoni ma tkunx ġiet ikkomunikata minn qabel mill-Istat Membru lill-Kummissjoni Ewropea, iżda tkun ġiet ikkomunikata biss wara l-adozzjoni tagħha u qabel il-pubblikazzjoni tal-miżura?

2) L-Artikoli 1, 2, 9(1) u 18 tad-Direttiva 94/62/KE, ikkompletati bid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 1, 2 u 3 tal-Anness II tad-Direttiva, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi l-kummerċjalizzazzjoni ta' basktijiet tax-xiri li jintużaw darba biss immanifatturati b'materjali mhux bijodegradabbli iżda li jikkonformaw mar-rekwiżiti l-oħra stabbiliti mid-Direttiva 94/62/KE, jew inkella l-istandards tekniċi supplimentari previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali jistgħu jkunu ġġustifikati mill-għan li jiġi żgurat livell ogħla ta' protezzjoni ambjentali, fid-dawl, skont il-każ, tan-natura partikolari tal-problemi tal-ġbir tal-iskart fl-Istat Membru u tan-neċessità li dan l-Istat stess jimplimenta wkoll l-obbligi Komunitarji f'dan il-qasam?

3) L-Artikoli 1, 2, 9(1) u 18 tad-Direttiva 94/62/KE, ikkompletati bid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 1, 2 u 3 tal-Anness II tad-Direttiva, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jikkostitwixxu regola ċara u preċiża li tipprojbixxi kull ostakolu għall-kummerċjalizzazzjoni ta' basktijiet li jikkonformaw mar-rekwiżiti previsti mid-Direttiva u li tobbliga lill-korpi kollha tal-Istat, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi, li jippermettu li ma tiġix applikata kull leġiżlazzjoni nazzjonali li tkun kuntrarja għal din ir-regola?

4) Fl-aħħar, l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi l-kummerċjalizzazzjoni ta' basktijiet tax-xiri żgħar li jintużaw darba biss u li ma humiex bijodegradabbli, iżda li jkunu ġew immanifatturati skont ir-rekwiżiti previsti fid-Direttiva 94/62/KE, meta din ma tkunx iġġustifikata mill-għan li jiġi żgurat livell ogħla ta' protezzjoni ambjentali, min-natura partikolari tal-problemi tal-ġbir tal-iskart fl-Istat Membru u min-neċessità li l-Istat stess jimplimenta wkoll l-obbligi Komunitarji previsti f'dan ir-rigward, tista' tikkostitwixxi ksur serju u manifest tal-Artikolu 18 tad-Direttiva 94/62/KE?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 13, p. 349.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Essen (il-Ġermanja) fl-10 ta' Frar 2022 – DC vs HJ

**(Kawża C-97/22)**

(2022/C 165/42)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Landgericht Essen

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* DC

*Konvenut:* HJ

### Domanda preliminari

L-Artikolu 14(5) tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1), għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ li l-klijent jirtira l-espressjoni ta' intenzjoni tiegħu għall-konklużjoni ta' kuntratt ta' kostruzzjoni, konkluż lil hinn mill-post tan-negozju, biss wara li l-imprenditur ikun diġà pprovda (kompletament) is-servizzi tiegħu, din id-dispożizzjoni teskludi kwalunkwe dritt għal dannu kumpensatorju, anki jekk ma jkunux issodisfatti l-kriterji għal dannu kumpensatorju tal-valur skont id-dispożizzjonijiet dwar il-konsegwenzi legali tal-irtirar, iżda li l-klijent ikun ibbenefika minn titjib tal-patrimonju tiegħu minħabba s-servizzi ta' kostruzzjoni tal-imprenditur, jiġifieri l-klijent ġie arrikkit?

(1) ĠU 2011, L 304, p. 64.

# IL-QORTI ĠENERALI

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Frar 2022 – TO vs EEA**

**(Kawża T-434/21)** [1]

***("Servizz pubbliku – Eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali – Deċiżjoni mhux ikkontestata fit-termini – Awtorità ta' res judicata – Impenn kundizzjonat meħud mill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' ingaġġ fil-kuntest ta' ftehim bonarju milħuq barra mill-Qorti Ġenerali – Offerta ta' ftehim bonarju mhux milqugħa mir-rikorrent – Assenza ta' att li jikkawża preġudizzju – Inammissibbiltà")***

(2022/C 165/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

## Partijiet

*Rikorrent:* TO (rappreżentant: É. Boigelot, avukat)

*Konvenut:* L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (rappreżentanti: O. Cornu, aġent, assistit minn B. Wägenbaur, avukat)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, fl-ewwel lok, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-21 ta' Settembru 2020 li permezz tagħha l-EEA, minn naħa, tirrifjuta li teżegwixxi s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2019, TO vs EEA (T-462/17, mhux ippubblikata, EU:T:2019:397), u, min-naħa l-oħra, tiċħad it-talbiet mressqa mir-rikorrenti fis-16 ta' Settembru 2020 u, fit-tieni lok, għall-kundanna tal-EEA sabiex tħallas lir-rikorrenti, l-ewwel, l-ammonti korrispondenti għall-allowance ta' avviż tat-temm ta' impjieg u għall-allowance tal-installazzjoni, flimkien mal-interessi mit-22 ta' Settembru 2016, it-tieni, somma ta' EUR 20 000 bħala kumpens għall-allegat dannu morali subit minħabba l-iżvelar lil terzi tad-data personali tagħha u, it-tielet, somma ta' EUR 20 000 bħala kumpens għall-allegat dannu morali subit minħabba r-rifjut li tikkomunikalha l-iskambju ta' korrispondenza li seħħet mal-avukat preċedenti tagħha kemm qabel kif ukoll wara l-għoti ta' din is-sentenza.

## Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

2) TO għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA).

[1] ĠU C 349, 30.8.2021.

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Jannar 2022 – BNP Paribas vs SRB**

**(Kawża T-71/22)**

(2022/C 165/44)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrent:* BNP Paribas (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: A. Champsaur u A. Delors, avukati)

*Konvenut:* Single Resolution Board (SRB)

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tordna lis-SRB jipproduċi l-pjan sħiħ ta' riżoluzzjoni approvat taħt id-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni [1];

— tiddikjara li d-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Politika MREL għandhom jitwarrbu;

— tannulla d-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni;

— tannulla d-deċiżjoni MREL ([2]);

— tikkundanna lis-SRB għall-ispejjeż legali u għall-ispejjeż l-oħra tar-rikorrenti relatati ma' din il-proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi insostenn tar-rikors tagħha kontra d-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni u tmien motivi insostenn tar-rikors tagħha kontra d-deċiżjoni MREL.

1. L-ewwel motiv fir-rigward tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni bbażat fuq il-fatt li s-SRB wettaq żbalji ta' liġi. Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni tikser id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-15 ta' Lulju 2014 ([3]), u tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1075 tat-23 ta' Marzu 2016 ([4]), kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità.

2. It-tieni motiv fir-rigward tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni bbażat fuq il-fatt li s-SRB wettaq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u kiser il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

   — Insostenn ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni li s-SRB adotta strateġija uniformi ta' "rikapitalizzazzjoni interna biss" għall-istituzzjonijiet globali sistemikament importanti (G-SII) kollha, mingħajr ma ħa inkunsiderazzjoni każijiet ta' riżoluzzjoni reali, u naqas milli jeżamina bir-reqqa u b'imparzjalità l-elementi motivati kollha bbażati fuq il-fatti mressqa mir-rikorrenti fl-għażla tiegħu ta' strateġija ta' riżoluzzjoni.

3. It-tielet motiv fir-rigward tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni bbażat fuq il-fatt li s-SRB jesprimi pożizzjoni li tirrifletti għażla normattiva u b'hekk mar lil hinn mis-setgħat tiegħu skont ir-Regolament (UE) Nru 806/2014.

4. Ir-raba' motiv fir-rigward tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni bbażat fuq il-fatt li din ġiet adottata bi ksur tad-dritt għal smigħ tar-rikorrenti u bi ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni tas-SRB, billi naqas milli jiġġustifika l-għażla tiegħu ta' strateġija ta' riżoluzzjoni għar-rikorrenti.

5. Il-ħames motiv fir-rigward tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni bbażat fuq il-fatt li ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, applikati mis-SRB waqt l-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni, jiksru drittijiet fundamentali kif ukoll it-TFUE.

6. L-ewwel motiv fir-rigward tad-deċiżjoni MREL ibbażat fuq il-fatt li din hija bbażata fuq id-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni, u hija intrisikament marbuta magħha, u għalhekk ma tibqax valida jekk dik id-deċiżjoni tiġi annullata.

7. It-tieni motiv fir-rigward tad-deċiżjoni MREL ibbażat fuq il-fatt li s-SRB wettaq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 806/2014.

   — Insostenn ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni li s-SRB naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni l-grupp bankarju ta' wara r-riżoluzzjoni fid-determinazzjoni MREL tiegħu u r-rekwiżit ta' riżerva kombinata (RRK) ta' wara r-riżoluzzjoni fid-determinazzjoni tal-imposta fuq il-fiduċja fis-suq, u naqas milli jwettaq evalwazzjoni sħiħa tal-elementi rilevanti kollha tal-kalkolu MREL u li jimmotiva l-kalkolu tiegħu tal-MREL.

8. It-tielet motiv fir-rigward tad-deċiżjoni MREL ibbażat fuq il-fatt li s-SRB wettaq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fid-determinazzjoni tal-MREL u kiser il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, sa fejn is-SRB naqas milli jwettaq evalwazzjoni bir-reqqa u b'imparzjalità tal-grupp BNP Paribas wara r-riżoluzzjoni, u b'mod partikolari milli jieħu inkunsiderazzjoni l-effett ta' riżoluzzjoni fuq id-daqs u l-mudell kummerċjali tal-grupp BNP Paribas.

9. Ir-raba' motiv fir-rigward tad-deċiżjoni MREL ibbażat fuq il-fatt li s-SRB kiser il-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi, billi naqas milli japplika diversi dispożizzjonijiet tal-Politika MREL tiegħu stess fir-rigward tal-aġġustamenti MREL.

10. Il-ħames motiv fir-rigward tad-deċiżjoni MREL ibbażat fuq il-fatt li s-SRB kiser il-prinċipju ta' proporzjonalità, id-dritt għall-proprjetà u l-libertà ta' intrapriża, billi stabbilixxa ammont ta' MREL li huwa sproporzjonat fid-dawl tal-għanijiet tar-riżoluzzjoni.

11. Is-sitt motiv fir-rigward tad-deċiżjoni MREL ibbażat fuq il-fatt li s-SRB naqas milli jimmotiva dik id-deċiżjoni, billi ma inkludiex fid-deċiżjoni l-elementi kollha meħtieġa sabiex ir-rikorrenti tifhem il-bażi tal-MREL u l-metodoloġija li skontha l-MREL ġiet iddeterminata u għalfejn tali metodoloġija kienet titbiegħed mill-metodoloġija ġenerali stabbilita fil-Politika MREL.

12. Is-seba’ motiv fir-rigward tad-deċiżjoni MREL ibbażat fuq il-fatt li s-SRB kiser id-dritt għal smigħ tar-rikorrenti, billi rrifjuta bħala prinċipju li jieħu ċerti kummenti inkunsiderazzjoni.

13. It-tmien motiv fir-rigward tad-deċiżjoni MREL ibbażat fuq il-fatt li l-politika MREL, li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni MREL, tikser ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 u tikkostitwixxi użu ħażin ta’ poter mis-SRB, sa fejn din timmanifesta għażla normattiva fil-qasam tar-riżoluzzjoni u tippreġudika s-setgħat tal-leġiżlatur.

(1) Id-deċiżjoni ta’ riżoluzzjoni msemmija hija d-Deċiżjoni Konġunta dwar il-pjan ta’ riżoluzzjoni ta’ grupp u l-evalwazzjoni ta’ riżolvibbiltà għal BNP Paribas u għas-sussidjarji tagħha, kif miftiehem mill-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni, Magyar Nemzeti Bank, Finanstilsynet u Bankowy Fundusz Gwarancyjny fl-4 ta’ Novembru 2021, Referenza Nru RC/JD/2020/52.

(2) Id-deċiżjoni MREL imsemmija hija d-Deċiżjoni Konġunta li tiddetermina r-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għal BNP Paribas u xi wħud mill-affiljati tagħha, kif miftiehem mis-SRB, Magyar Nemzeti Bank, Finanstilsynet u Bankowy Fundusz Gwarancyjny fl-4 ta’ Novembru 2021, Referenza Nru RC/JD/2020/53.

(3) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta’ Mekkaniżmu Uniku ta’ Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).

(4) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1075 tat-23 ta’ Marzu 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta’ standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kontenut tal-pjanijiet ta’ rkupru, il-pjanijiet ta’ riżoluzzjoni u l-pjanijiet ta’ riżoluzzjoni tal-grupp, il-kriterji minimi li l-awtorità kompetenti trid tivvaluta fir-rigward tal-pjanijiet ta’ rkupru u l-pjanijiet ta’ rkupru tal-grupp, il-kundizzjonijiet għall-appoġġ finanzjarju tal-grupp, ir-rekwiżiti għall-valutaturi indipendenti, ir-rikonoxximent kuntrattwali tas-setgħat ta’ valwazzjoni negattiva u konverżjoni u l-avviż tas-sospensjoni u l-funzjonament operattivi tal-kulleġġi ta’ riżoluzzjoni (ĠU 2016, L 184, p. 1).

## Rikors ippreżentat fil-15 ta’ Frar 2022 – Associazione “Terra Mia Amici No Tap” vs BĊE

## (Kawża T-86/22)

(2022/C 165/45)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrent:* Associazione “Terra Mia Amici No Tap” (Melendugno, l-Italja) (rappreżentant: A. Calò, avukat)

*Konvenut:* Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tikkonstata u tiddikjara r-responsabbiltà fit-tort tal-Bank Ewropew tal-Investiment billi ddikjara inammissibbli u tardiva t-talba għal eżami mill-ġdid imressqa mill-assoċjazzjoni rikorrenti

— tikkundanna lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex tadotta deċiżjoni ta’ revoka tal-finanzjamenti mogħtija lil TAP AG;

— tikkundanna lill-Bank Ewropew tal-Investiment għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba’ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegata inammissibbiltà tat-talba għal eżami mill-ġdid.

   — F’dan ir-rigward qed jiġi sostnut il-ksur tal-Konvenzjoni ta’ Aarhus, tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 [1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta’ Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta’ Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, u tar-Regolament (UE) 2021/1767 [2] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Ottubru 2021 li jemenda r-[Regolament (KE) Nru 1367/2006], u l-punti 1, 6 u 9 tal-Preambolu tal-EIB Statement of Environmental and Social Principles and Standards. Fil-każ inkwistjoni l-BEI kellu jipproċedi għar-revoka tal-finanzjamenti mogħtija, ġaladarba t-talba għal eżami mill-ġdid kien jirrigwarda att amministrattiv taħt id-dritt tal-ambjent.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq allegata dekandenza tat-talba għal eżami mill-ġdid minħabba dekorriment tat-termini.

— F'dan ir-rigward qed jiġi sostnut il-ksur tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tas-6 ta' Settembru 2006 u tar-Regolament (UE) Nru 2021/1767, u tal-punti 1, 6 u 9 tal-Preambolu tal-EIB Statement of Environmental and Social Principles and Standards. Fil-każ speċifiku l-BEI naqas milli jipproċedi għar-revoka tal-finanzjamenti, liema revoka tieħu l-forma ta' att ġdid, awtonomu u distint minn dak li bih preċedentement ingħata l-finanzjament, u fi kwalunkwe każ it-terminu ta' sitt ġimgħat għat-tressieq ta' talba għal eżami mill-ġdid għandu jibda jiddekorri mid-data li fiha l-proġett jibda bl-operat tiegħu, peress li kuntrattwalment ġie rrikonoxxut lill-parti li rċeviet il-finanzjament li kellha sa dik id-data biex tikkonforma ruħha mal-istandards tal-BEI.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-punt 36 tal-EIB Statement of Environmental and Social Principles and Standards tal-2009.

— F'dan ir-rigward qed jiġi sostnut li l-punt 36 jipprevedi speċifikament li l-BEI għandu jeħtieġ li l-proġetti finanzjarji kollha josservaw tal-inqas:

— il-leġiżlazzjoni ambjentali nazzjonali applikabbli

— il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Effetti tal-Proġetti fuq l-Ambjent (VIA) tal-Unjoni u tad-direttivi dwar il-konservazzjoni tan-natura kif ukoll id-direttivi settorjali u d-direttivi "trażversali";

— il-prinċipji u l-istandards tal-konvenzjonijiet ambjentali internazzjonali rilevanti li huma inkorporati fid-dritt tal-Unjoni.

Fil-każ ineżami, ebda wieħed mill-imsemmija punti ma ġie osservat.

Fil-fatt jirriżulta li l-ksur segwenti ġie ppruvat:

a. <u>Il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni</u> u b'mod partikolari:

a.I il-premessa 36 moqrija flimkien mal-Artikolu 4 u mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 (assenza ta' analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji)

a.II il-premessa 31 tar-Regolament Nru 347/2013 moqrija flimkien mal-Artikolu 5(1) u mal-punt 1 tal-Anness IV tad-Direttiva 2011/92/UE (impatti kumulattivi esterni);

a.III il-premessa 31 tar-Regolament Nru 347/2013 moqrija flimkien mal-Artikolu 5(1) u mal-punt 1 tal-Anness IV tad-Direttiva 2011/92 (impatti kumulattivi interni) – Projbizzjoni ta' "Salami Slicing";

a.IV l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2011/92 u l-Artikolu 6(3) u (4) tad-Direttiva habitat;

a.V l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2009/147, Direttiva dwar l-għasafar;

a.VI il-premessa 30 moqrija flimkien mal-Artikolu 9 tar-Regolament 1367/2006 u mal-Artikolu 6 tad-Direttiva EEA (Trasparenza u parteċipazzjoni);

a.VII il-premessa 28 moqrija flimkien mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 (Leġiżlazzjoni habitat);

a.VIII ksur tal-Artikolu 191(1) TFUE flimkien mal-ksur tad-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji u tal-Istandards fil-Qasam Soċjali u Ambjentali tal-Bank Ewropew tal-Investiment, approvata mill-Bord tad-Diretturi fit-3 ta' Frar 2009.

b. <u>Il-leġiżlazzjoni Taljana</u> u b'mod partikolari:

b.I id-Decreto legislativo 42/2004 [id-Digriet Leġiżlattiv 42/2004] għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni dwar il-Pajsaġġ;

b.II id-Decreto legislativo 42/2004 [id-Digriet Leġiżlattiv 42/2004] għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 146 tal-Konvenzjoni dwar il-Pajsaġġ;

b.III l-Artikolu 14 tal-legge 7 agosto 1990 n. 241 Conferenza dei servizi [il-Liġi tas-7 ta' Awwissu 1990 Nru 241 Konferenza tas-Servizzi];

b.IV il-preskrizzjoni A57 tad-Decreto ministeriale di compatibilità ambientale 223/14 [id-Digriet Ministerjali ta' Kompatibbiltà Ambjentali 223/14];

b.V id-Decreto legislativo 152/06 Mancate sanzioni [id-Digriet Leġiżlattiv 152/06 Assenza ta' Sanzjonijiet];

b.VI l-Artikolu 452c tal-codice Penale [il-Kodiċi Kriminali] (diżastru ambjentali).

4. Ir-raba’ motiv, ibbażat fuq ksur tar-Regolament Nru 347/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2013.

   — F’dan ir-rigward qed jiġi sostnut li fil-fatt ma saret ebda analiżi xierqa tal-ispejjeż u l-benefiċċji.

(1) ĠU 2006, L 264, p. 13.
(2) ĠU 2021, L 356, p. 1.

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta’ Frar 2022 – Hahn Rechtsanwälte vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-87/22)**

(2022/C 165/46)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Hahn Rechtsanwälte PartG mbB (Bremen, il-Ġermanja) (rappreżentant: K. Künstner, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021)9326 final tas-7 ta’ Diċembru 2021;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-assenza ta’ motivi ta’ rifjut skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 (1)

   — Il-Kummissjoni ma wrietx l-eżistenza ta’ interessi kummerċjali, fis-sens tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, denji ta’ protezzjoni tal-partijiet fil-proċedura ta’ akkordju AT.40178 – Emissjonijiet tal-karozzi, u lanqas ma wettqet eżami individwali ta’ kull każ.

   — Il-Kummissjoni ma tistax tinvoka l-protezzjoni tal-attivitajiet ta’ investigazzjoni, peress li din hija investigazzjoni li tirrigwarda akkordju diġà magħluq li ta lok għal deċiżjoni definittiva u li, minbarra dan, il-Kummissjoni ma wettqitx eżami individwali ta’ kull każ.

   — Il-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq il-preżunzjoni ġenerali ta’ nuqqas ta’ żvelar, minkejja li l-kundizzjonijiet tal-ewwel u/jew tat-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 ma humiex issodisfatti, li għandu bħala effett inverżjoni inammissibbli tar-relazzjoni bejn regola u eċċezzjoni f’dak li jikkonċerna d-dritt ta’aċċess.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-eżistenza ta’ interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar, fis-sens tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001.

   — Il-Kummissjoni b’mod żbaljat ma kkonstatatx l-eżistenza ta’ interess pubbliku superjuri fis-sens tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001.

   — Il-ksur tal-interess ġenerali huwa f’dan il-każ manifest, sa fejn l-akkordju antikompetittiv jikkonċerna wkoll it-tagħmir ta’ riduzzjoni tal-vetturi ħfief privati u fejn emissjonijiet eċċessivi ta’ ossidi ta’ nitroġenu għandhom effetti dannużi għal wirt komuni bħas-saħħa, l-ambjent u l-klima.

— Skont l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), in-numru ta' mwiet dovut għat-tniġġis tal-ajru ta' diossidu ta' nitroġenu huwa ta' madwar 12 800 persuna fis-sena għall-Ġermanja biss.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-assenza ta' eżami konkret ta' aċċess parzjali konformement mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001

 — Il-Kummissjoni ma eżaminatx b'mod suffiċjentement konkret jekk, sussidjarjament, għandux jingħata aċċess parzjali għall-fajl skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001.

 — Ma kienx hemm eżami tal-kwistjoni jekk miżura li tikkonċerna d-dritt ta' aċċess inqas restrittiv fir-rigward tar-rikorrenti hijiex eventwalment possibbli.

---

([1]) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

---

## Rikors ippreżentat fil-21 ta' Frar 2022 – OG *et* vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-101/22)

(2022/C 165/47)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrenti:* OG, OH, OI u OJ (rappreżentant: D. Gómez Fernández, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2288 ([1]) tal-21 ta' Diċembru 2021 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953 ([2]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-perjodu ta' aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tat-tilqim maħruġa fil-format taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE li jindika t-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti jinvokaw seba' motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-ksur tar-regoli ta' kompetenza u tal-Artikolu 290(1) TFUE.

 — F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jinvokaw l-iskadenza tal-mandat ta' delega mill-Parlament Ewropew fl-Artikolu 12 u fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament 2021/953 kif ukoll ta' dawn l-istess artikoli minħabba li d-deċiżjoni ma tosservax l-elementi essenzjali tal-att ta' awtorizzazzjoni u, fi kwalunkwe każ, ma taqax fil-qafas regolatorju ddefinit mill-att leġiżlattiv bażiku, peress li l-modifiki ma humiex neċessarji fil-każ ta' progress xjentifiku fl-immaniġġjar tal-pandemija COVID-19.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-ksur tar-regoli ta' kompetenza u tal-Artikolu 290(1) TFUE.

 — F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jinvokaw l-iskadenza tal-mandat ta' delega mill-Parlament Ewropew fl-Artikolu 13 u fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament 2021/953, kif ukoll il-ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali minħabba li l-proċedura ta' urġenza ġiet applikata mingħajr ma kien hemm każ speċifiku li tiġi mmaterjalizzata, jiġifieri li jkun hemm provi xjentifiċi li jirriżultaw u li jiġu imposti raġunijiet imperattivi ta' urġenza.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tad-dritt fundamentali ta' moviment liberu stabbilit fl-Artikolu 21 TFUE, tal-Artikolu 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, tal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 4 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, tal-Artikolu 27 tad-Direttiva 2004/38/KE tad-29 ta' April u tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

— F'dan ir-rigward, huwa rrilevat li l-limitazzjonijiet introdotti ma jirrelatawx mar-raġunijiet ta' saħħa pubbliku u l-effettività u li n-neċessità tagħhom ma ġietx ipprovata.

4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq ksur tad-drittijiet fundamentali tal-Karta tal-ugwaljanza fid-dritt (Artikolu 20) u tad-dritt għal nondiskriminazzjoni (Artikolu 21) u d-drittijiet relatati taħt il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB) bl-introduzzjoni, mingħajr bażi xjentifika, tad-differenza fit-trattament bejn persuni li huma kompletament imlaqqma u dawk li rċevew id-doża tal-booster.

5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq difett ta' kompetenza *ratione materiae*

— F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jinvokaw il-prinċipju ta' attribuzzjoni u l-Artikoli 5 u 168 TFUE peress li la l-Kummissjoni u lanqas l-Unjoni ma għandhom il-kompetenza li jieħdu miżuri li jimponu l-vaċċin, anki indirettament, taħt piena li ċ-ċertifikat tal-vaċċin jintilef awtomatikament 270 jum wara t-tkomplija tal-iskeda vaċċinali.

6. Is-sitt motiv huwa bbażat fuq ksur tad-drittijiet fundamentali tal-Karta dwar il-libertà (Artikolu 6); il-ħajja privata u tal-familja (Artikolu 7); id-dinjità tal-bniedem (Artikolu 1) u l-integrità tal-persuna (Artikolu 3), u tad-drittijiet korrispondenti tal-KEDB minħabba l-obbligu tal-vaċċin indirett bid-doża ta' tfakkira taħt piena li jintilef iċ-ċertifikat tal-vaċċin.

7. Is-seba' motiv huwa bbażat fuq użu ħażin tal-poter.

— F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jinvokaw il-ksur tal-Artikolu 18 tal-KEDB minħabba li r-regolament ifittex għan differenti minn dak li kien previst, dak tal-obbligu vaċċinali dirett bid-doża ta' tfakkira taħt piena li ċ-ċertifikat tal-vaċċin jintilef awtomatikament.

---

([1]) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2288 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-perjodu ta' aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tat-tilqim maħruġa fil-format taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE li jindika t-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim (ĠU 2021, L 458, p. 459).

([2]) Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (Ġu 2021, L 211, p. 1).

---

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Frar 2022 – Transgourmet Ibérica vs EUIPO – Aldi (Gourmet)**

**(Kawża T-102/22)**

(2022/C 165/48)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Transgourmet Ibérica, SAU (Gerona, Spanja) (rappreżentanti: C. Duch Fonoll u I. Osinaga Lozano, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Aldi GmbH & Co. KG (Mülheim an der Ruhr, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea "Gourmet" – Trade mark tal-Unjoni Nru 8 143 653

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Diċembru 2021 fil-Każ R 862/2021-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata kollha kemm hi;

— tibgħat lura l-każ quddiem il-Bord tal-Appell sabiex huwa jagħti deċiżjoni definittiva u

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjent għall-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll għall-ħlas tal-ispejjeż inkorsi mir-rikorrenti f'din il-proċedura kif ukoll fl-appell u fil-proċedura fl-ewwel istanza.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-ġurisprudenza relatata;

— Ksur tal-Artikolu 64(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, moqrija flimkien mal-Artikolu 10(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/625 tal-Kummissjoni u l-ġurisprudenza relatata;

— Ksur tal-Artikolu 64(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, moqrija flimkien mal-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fl-24 ta' Frar 2022 – Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi vs EUIPO – M. J. Dairies (BBQLOUMI)

**(Kawża T-106/22)**

(2022/C 165/49)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi (Nicosija, Ċipru) (rappreżentanti: S. Malynicz, Barrister-at-Law, u C. Milbradt, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* M. J. Dairies EOOD (Sofija, il-Bulgarija)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "BBQLOUMI" – Trade mark tal-Unjoni Nru 12 898 029

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Diċembru 2021 fil-Każ R 656/2021-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO u l-parti l-oħra għall-ispejjeż tagħhom u għal dawk tar-rikorrenti.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikoli 8(1)(b) u 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 74(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Il-Bord tal-Appell mar kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-distinzjoni;

— Il-Bord tal-Appell alloka b'mod żbaljat l-oneru tal-prova fuq id-detentur tat-trade mark reġistrata qabel, ir-rikorrenti, biex juri livell meħtieġ ta' distinzjoni;

— Il-Bord tal-Appell naqas milli jagħti motivazzjonijiet proprji għall-konstatazzjoni ewlenija tiegħu li t-trade mark kollettiva ta' qabel ma kellhiex distinzjoni.

---

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar 2022 – Adega Ponte da Boga vs EUIPO – Viñedos y Bodegas Dominio de Tares (P3 DOMINIO DE TARES)**

**(Kawża T-107/22)**

(2022/C 165/50)

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Adega Ponte da Boga, SL (Ourense, Spanja) (rappreżentant: C. Sueiras Villalobos, avukata)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Viñedos y Bodegas Dominio de Tares, SA (San Román de Bembibre, Spanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża:* it-trade mark figurattiva "P3 DOMINIO DE TARES" – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 16 691 651

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-3 ta' Diċembru 2021 fil-Każ R 479/2021-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna għall-ispejjeż lill-EUIPO u lil kwalunkwe intervenjent li jista' jintervjeni f'din il-proċedura sabiex jiddefendi d-deċiżjoni kkontestata.

**Motiv invokat**

Ksur tal-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Marzu 2022 – OK vs SEAE**

**(Kawża T-113/22)**

(2022/C 165/51)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* OK (rappreżentant: N. de Montigny, avukat)

*Konvenut:* Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— fir-rigward tat-talba għal assistenza:

  — tannulla d-deċiżjoni tad-Diretriċi tar-Riżorsi Umani tas-SEAE li tiċħad parzjalment it-talba tiegħu għal assistenza minħabba fastidju u trattament diskriminatorju, ikkomunikata fil-[*kunfidenzjali*] ([1]);

  — tannulla, jekk ikun hemm bżonn, sa fejn tissupplimenta d-deċiżjoni tal-15 ta' Ġunju 2021, id-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tas-SEAE li tiċħad l-ilmenti tiegħu [*kunfidenzjali*] fir-rigward tad-deċiżjoni ta' ċaħda parzjali tat-talba għal assistenza msemmija iktar 'il fuq, ikkomunikata fil-[*kunfidenzjali*];

— fir-rigward tal-kontenut, tal-portata u tal-implimentazzjoni tal-ftehim konkluż fil-[*kunfidenzjali*] fil-Kawża [*kunfidenzjali*]:

  — tannulla l-ftehim bonarju tal-[*kunfidenzjali*] minħabba difett fil-kunsens, kif ukoll nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet tiegħu;

  — tannulla, sa fejn din tikkostitwixxi l-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim, id-deċiżjoni impliċita li biha r-rikorrent ġie promoss għall-grad AD 14 b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2018, kif ikkomunikata lilu bit-trażmissjoni tar-rendikont tas-salarju tiegħu tax-xahar ta' Mejju 2021, u kif ġie kkonfermat b'mod formali mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tar-Riżorsi tas-SEAE (Awtorità tal-Ħatra) tal-[*kunfidenzjali*];

  — tannulla d-deċiżjoni tat-30 ta' Novembru 2021 tad-Direttur Ġenerali tar-Riżorsi li biha s-SEAE ċaħad l-ilment [*kunfidenzjali*] tiegħu ippreżentat fir-rigward tal-assenza ta' deċiżjoni espliċita dwar il-promozzjoni tiegħu għall-grad AD 14 fl-1 ta' Jannar 2018 u dwar il-produzzjoni mis-SEAE fil-kuntest tal-kawża [*kunfidenzjali*] ta' dikjarazzjoni falza li kienet intiża u li wasslet sabiex tippreġudika l-opinjoni tal-Qorti Ġenerali u l-possibbiltà tar-rikorrent li jinvoka l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament;

— tikkundanna lill-konvenut iħallas lir-rikorrent kumpens ta' EUR 52 400 għad-dannu materjali mġarrab minnu, kif ukoll kumpens għad-dannu morali mġarrab stabbilit b'mod simboliku għal EUR 1;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors fil-konfront tad-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba għal assistenza tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq nuqqas amministrattiv, il-ksur tad-dmir ta' premura fir-rigward tal-uffiċjal li kien il-vittma ta' fastidju, il-ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tar-realtà tal-fatti relatati mal-fastidju mġarrab mir-rikorrent.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq użu ħażin ta' poter u fuq il-ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq użu ħażin ta' poter, ksur tal-Artikolu 227 TFUE u tal-Artikolu 44 tal-Karta.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' konformità tal-eżami tat-talba għal assistenza mad-deċiżjoni [*kunfidenzjali*].

Insostenn tar-rikors fil-konfront tad-deċiżjoni impliċita ta' promozzjoni u fil-konfront tal-ftehim bonarju konkluż fil-kuntest tal-kawża [*kunfidenzjali*], ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq frodi u fuq l-invalidità tal-ftehim konkluż fil-kuntest tal-kawża [*kunfidenzjali*].
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-ftehim u fuq l-invokazzjoni abbużiva tal-awtorità ta' *res judicata* mis-SEAE.

---

([1]) Data kunfidenzjali moħbija.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT